



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 21.3.2013
COM(2013) 149 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

L-Istat tal-Unjoni tal-Innovazzjoni 2012 - Aċċellerazzjoni tal-bidla

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SWD(2013) 75 final}

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

L-Istat tal-Unjoni tal-Innovazzjoni 2012 - Aċċellerazzjoni tal-bidla

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

1. INTRODUZZJONI

L-istrateġija Ewropa 2020 u l-inizjattivi "ewlenin" tagħha jiffokaw fuq l-investimenti fl-educazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni bħala elementi essenzjali għall-kisba ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv. F'dan il-kuntest, l-inizjattiva ewlenija tal-Unjoni tal-Innovazzjoni, flimkien mal-inizjattivi ewlenin tal-Aġenda Diġitali, tal-Politika Industrijali u tal-Ewropa li tuża r-riżorsi b'effiċjenza, u mal-Att dwar is-Suq Uniku, għandhom l-għan li joħolqu l-aħjar kundizzjonijiet għar-riċerkaturi u l-imprendituri Ewropej sabiex jesprimu l-innovazzjoni.

L-inizjattiva ewlenija tal-Unjoni tal-Innovazzjoni, b'mod partikolari, ddur mal-ħolqien ta' ekonomija vibranti bbażata fuq l-innovazzjoni msejsa fuq l-ideat u l-kreattività, li kapaċi tingħaqad ma' ktajjen ta' valur globali, taħtaf l-opportunitajiet u swieq ġodda, u toħloq impjiegi ta' kwalità għolja. B'mod ġenerali, il-progress lejn il-ħolqien ta' qafas ta' politika għal Unjoni tal-Innovazzjoni kien pożittiv ferm: aktar minn 80% tal-inizjattivi jinsabu tajjeb fi triqthom. Is-sejħa tal-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern sabiex tissaħħaħ iż-Żona Ewropea tar-Riċerka qiegħda tinbidel f'azzjonijiet konkreti. Il-proposta tal-Kummissjoni, "Orizzont 2020", għal programm Ewropew ta' riċerka u innovazzjoni fil-ġejjieni timmarka tbeġhid ċar minn mal-imgħoddi hekk kif din tkopri l-katina sħiħa tal-ħolqien tal-valur fi programm wieħed. Il-prinċipju ta' "konsolidazzjoni intelliġenti", jiġifieri l-protezzjoni jew, jekk possibbli, iż-żieda fl-infiq favorevoli għat-tkabbir, bħar-R&Ż, issa huwa ġeneralment aċċettat u inkorporat fis-Semestru Ewropew. L-ambjent tan-negozju fl-Ewropa se jsir aktar favorevoli għall-innovazzjoni permezz ta' miżuri tas-Suq Uniku, bħall-privattiva unitarja, tiswir tal-istandards f'inqas żmien, regoli tal-akkwist immodernizzati tal-UE u passaport Ewropew għall-fondi kapitali ta' riskju. Sħubijiet għall-Innovazzjoni Ewropea qed jakkomunaw ir-riżorsi u jikkonċentraw il-miżuri tad-domanda u tal-provvista fuq l-isfidi ewlenin tas-soċjetà. Filwaqt li dawn il-miżuri għad iridu jiġu implimentati biex jibdeu jaraw riżultati, jirrappreżentaw bidla fundamentali lejn id-direzzjoni t-tajba.

Il-pożizzjoni globali tal-Ewropa għadha relattivament b'saħħitha. L-UE tinsab fuq quddiem nett fid-dinja fejn għandha x'taqsam il-produttività ta' prodotti innovattivi u tax-xjenza ta' kwalità għolja. Xorta għad għandha l-akbar sehem li huwa stabbli (28 %) fost id-dħul iġġenerat fil-katini globali tal-valur tal-manifattura filwaqt li l-Istati Uniti u l-Ġappun raw l-ishma tagħhom jiċkien. Sa mill-2008, l-UE tejbet il-prestazzjoni tal-innovazzjoni tagħha u naqqset kważi bin-nofs id-distakk fl-innovazzjoni mal-Istati Uniti u mal-Ġappun¹. L-UE qed iżżomm ukoll vanaġġ qawwi, fir-rigward tal-innovazzjoni, fuq il-Brażil, l-Indja, ir-Russja u ċ-Ċina, għalkemm din tal-aħħar qiegħda tirkupra malajr. Barra minn hekk, sa mill-2008 il-Korea t'Isfel żiedet bi kważi tliet darbiet il-vantaġġ tagħha fuq l-UE fejn għandha x'taqsam l-innovazzjoni u flimkien mal-Istati Uniti tinsab fuq quddiem nett f'dan il-kamp.

¹ Tabella ta' Valutazzjoni tal-Unjoni tal-Innovazzjoni 2013

Barra minn hekk, filwaqt li l-infiq pubbliku fir-R&Ż fl-UE żdied matul il-kriżi hekk kif il-gvernijiet stinkaw biex jissoktaw l-investimenti tagħhom fir-R&Ż u għalhekk jinċentivaw lin-negozji biex jagħmlu l-istess, dejta riċenti qed tindika li din ix-xejra qiegħda potenzjalment tinqaleb. Fl-2011, għall-ewwel darba sa mill-bidu tal-kriżi, il-baġit totali pubbliku għar-R&Ż fis-27 Stat Membru tal-UE naqas bi ftit.

Il-kriżi ekonomika li għaddejja esponiet ukoll id-dgħufijiet strutturali fil-prestazzjoni Ewropea fl-innovazzjoni. It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Unjoni tal-Innovazzjoni tal-2013 turi li l-proċess ta' konverġenza fil-prestazzjoni tal-innovazzjoni tal-Istati Membri waqaf għal kollox. Billi l-konverġenza kienet ix-xejra dominanti minn mindu ġiet introdotta t-Tabella ta' Valutazzjoni fl-2001, din tindika riskju ċar ta' qasma dejjem tiżdied fl-innovazzjoni². Hekk kif il-kriżi qed tippersisti u tolgot aktar fil-fond, id-disparitajiet fit-tkabbir bejn uħud mir-reġjuni Ewropej qegħdin jiżdiedu, u hemm il-ħtieġa, li qed tinħass saħansitra b'aktar qawwa, li l-Unjoni tal-Innovazzjoni tiġi implimentata malajr u li din tissaħħaħ fl-oqsma kruċjali għall-innovazzjoni, bħalma huma l-edukazzjoni ogħla, l-intraprenditorija bbażata fuq l-innovazzjoni, u miżuri orjentati lejn id-domanda. Il-momentum f'oqsma bħall-innovazzjoni soċjali jrid jinżamm ukoll.

Għaldaqstant, l-Ewropa teħtieġ dinamiżmu frisk fl-ekonomija tagħha. L-industriji tradizzjonali eżistenti li fihom l-Ewropa teċċella għandhom bżonn jiżviluppaw applikazzjonijiet ġodda u mudelli ġodda ta' negozju sabiex jikbru u jżommu l-vantaġġ kompetittiv tagħhom. Barra minn hekk, fl-oqsma dinamiċi bħan-negozji bbażati fuq l-ICT u f'setturi emerġenti, l-Ewropa għandha bżonn ta' aktar ditti b'rata għolja ta' tkabbir. Dan jirrikjedi bidla strutturali mmexxija mill-innovazzjoni, iżda bħalissa l-Ewropa jonqosha l-innovazzjonijiet aktar radikali li jmexxu u jwasslu għal tali bidla strutturali. Għaldaqstant, dak li l-Ewropa teħtieġ l-aktar fl-għaxar snin li ġejjin huwa li tattira l-aqwa talent u tippremja lill-intraprendituri innovattivi, sabiex toffrilhom opportunitajiet ferm aħjar biex jibdeu u jkabbru negozji ġodda

F'dan l-isfond, din il-komunikazzjoni:

- tiġbor fil-qosor il-progress fil-livelli Ewropej u tal-Istati Membri lejn l-ilħuq ta' Unjoni tal-Innovazzjoni fl-2012, u
- tikkonkludi billi tiddekrivi l-oqsma fejn l-Unjoni tal-Innovazzjoni tista' tissaħħaħ, inkluża t-tħejjija tat-test tal-istress tal-Unjoni tal-Innovazzjoni mwettaq mill-Bord taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u l-Innovazzjoni³.

2. L-ISTAT TAS-SISTEMI NAZZJONALI TAR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

2.1. Investiment għall-ġejjieni

L-Ewropa teħtieġ aktar investiment u investiment aħjar fir-riċerka u l-innovazzjoni biex tappoġġja l-kompetittività tal-industrija tagħha u sabiex taġġorna is-sistema tagħha ta' riċerka u innovazzjoni. L-investiment pubbliku u privat fir-R&Ż huwa kruċjali biex l-Ewropa tkun tista' tisfrutta kwalunkwe sinjal ta' titjib fl-ekonomija. L-irkupru fl-2010 kien sostanzjalment aktar b'saħħtu fil-pajjiżi li preċedentement investew l-aktar fir-R&Ż u fl-innovazzjoni (eż. il-Ġermanja, il-Finlandja u l-Isvezja)⁴.


² Idem.

³ L-ewwel karta ta' Pożizzjoni tal-Bord taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u l-Innovazzjoni (ERIAB): "Test tal-istress" tal-Unjoni tal-Innovazzjoni; Novembru 2012, fil-ġejjieni se tkun disponibbli fuq http://ec.europa.eu/research/era/partnership/expert/eriab_en.htm

⁴ L-Istat tal-Unjoni tal-Innovazzjoni 2011, COM (2011) 849

L-investiment pubbliku u privat fir-R&Ż kien qed jiżdied sal-wasla tal-kriżi ekonomika. Wara li faqqgħet il-kriżi, il-maġġoranza tal-Istati Membri żammew jew żiedu il-livell tal-investimenti tagħhom fir-R&Ż, minkejja restrizzjonijiet fiskali, u l-infiq globali fir-R&Ż fuq il-PDG żdied minn 1,85 % fl-2007 għal 2,03 % fl-2011. Madankollu, fi 11-il Stat Membru⁵ dan kiber inqas mill-PDG sa mill-bidu tal-kriżi (Grafika 1).

Grafika 1: Protezzjoni tan-nefqa pubblika fir-R&Ż



Sors: Id-DG Riċerka u Innovazzjoni - Unità tal-Analiżi Ekonomika

Dejta: Eurostat

Noti: (1) It-tkabbir reali ġie kkalkolat mill-valuri f'PPSE bi prezzijiet u rati tal-kambju kostanti għas-sena 2000

(2) EL: 2007-2008; PL: 2009-2011; BE, BG, DE, IE, ES, FR, CY, LV, LT, HU, SI, SK, SE, UK, UE: 2008-2011; PL 2009-2011.

(3) Id-dejta għall-2012 hija provviżorja.

B'mod ġenerali, in-negozji fl-UE żiedu wkoll in-nefqa tagħhom fuq ir-R&Ż bħala sehem tal-PDG mill-2007 (1,18 %) sal-2011 (1,27 %). Dan huwa parzjalment dovut għall-investiment sostnut fir-R&Ż minn ditti Ewropej li jistennew li l-investimenti tagħhom fir-R&Ż madwar id-dinja jikbru aktar, b'medja ta' 4 % fis-sena matul il-perjodu bejn l-2012 u l-2014⁶. L-Ewropa hija wkoll post attraenti għad-ditti barranin biex jinvestu fir-R&Ż u dawn għamlu hekk b'mod intensiv. Id-ditti tal-Istati Uniti jirrappreżentaw żewġ terzi tal-investimenti fir-R&Ż mobbli fil-livell internazzjonali u l-infiq annwali tagħhom fir-R&Ż fl-Ewropa huwa 10 darbiet akbar mill-ammont li jinvestu fiċ-Ċina u fl-Indja flimkien⁷.

Madankollu, hemm differenzi kbar bejn l-Istati Membri u bejn is-setturi industrijali u l-atturi. Uħud mill-pajjiżi qed jaraw tnaqqis fl-investiment fir-R&Ż fil-qasam tan-negozju, b'mod

⁵ Għal xi wħud minn dawn l-Istati Membri, id-differenza tista' tiġi parzjalment ikkompensata minn dħul mit-taxxa mitlufa minħabba l-użu ta' inċentivi fiskali għall-investiment fir-R&Ż.


⁶ L-Istħarriġ tal-UE 2012 dwar ix-Xejriet Kummerċjali tal-Investiment fir-R&Ż, il-Kummissjoni Ewropea, 2012

⁷ "L-internazzjonalizzazzjoni tal-investimenti tan-negozji fir-R&Ż u l-analiżi tal-impatt ekonomiku tagħhom", il-Kummissjoni Ewropea, 2012, http://ec.europa.eu/research/innovation-union/index_en.cfm?pg=other-studies.

partikolari mill-SMEs. Dan huwa dovut l-aktar għal fiduċja baxxa tan-negozju fil-prospetti futuri tal-ekonomija Ewropea, għad li r-riservi ta' flus kontanti qed jiżiedu fuq il-karti tal-bilanċ ta' ħafna kumpaniji⁸. Minn perspettiva settorjali, bosta pajjiżi raw żieda fl-intensità tar-R&Ż f'industriji ta' teknoloġija medja aktar tradizzjonali (eż. metalli, gomma u plastiks, prodotti tal-ikel) kif ukoll fi swieq li qed jikbru, xprunati minn sfidi soċjali bħat-trattament tal-iskart, l-enerġija u l-ilma nodfa. B'mod ġenerali, l-UE għadha speċjalizzata f'setturi tar-R&Ż b'intensità medja-għolja li jammontaw għal nofs tar-R&Ż tal-kumpaniji Ewropej. B'kuntrast, aktar minn żewġ terzi tal-investiment fir-R&Ż minn kumpaniji Amerikani huwa miġmugħ fis-setturi tar-R&Ż b'intensità għolja (bħas-saħħa u l-ICT)⁹.

Grafika 2: Investiment fir-R&Ż mill-kumpaniji mill-Istati Uniti u l-UE raggruppati skont is-settur

Sors: It-tabella ta' valutazzjoni tal-investiment industrijali fir-R&Ż tal-UE 2012



Barra minn hekk, fl-Istati Membri fejn is-settur tan-negozju għandu intensità għolja ta' għarfien u huwa internazzjonalment kompetittiv, l-istrateġija tal-gvernijiet biex jipproteġu l-infiq fir-R&Ż għenet biex jinżamm il-livell tal-investiment privat¹⁰. Madankollu, dan irriżulta

⁸ 'Dead money', The Economist, it-3 ta' Novembru 2012

⁹ It-tabella ta' valutazzjoni tal-investiment industrijali fir-R&Ż tal-UE 2012, il-Kummissjoni Ewropea, 2012, http://iri.jrc.ec.europa.eu/research/scoreboard_2012.htm

¹⁰ Meta saritilhom mistoqsija dwar l-effetti tal-politiki u l-fatturi esterni fuq l-attivitajiet għall-innovazzjoni tagħhom, l-aqwa kumpaniji tal-UE xeħtu dawl fuq l-effetti pożittivi qawwija tal-inċentivi fiskali, l-għotjiet nazzjonali, l-appoġġ finanzjarju tal-UE, u s-sħubija pubblika-privata kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell tal-UE (sors: ara nota f'qiegħ il-paġna 4).

aktar diffiċli għal pajjiżi li jsofru minn kriżi tad-dejn sovrani. F'dawn il-pajjiżi, il-limitazzjonijiet tal-likwidità flimkien ma' insuffiċjenza ta' ambjent li jħeġġeġ l-innovazzjoni u livell aktar baxx ta' domanda tan-negozju għall-għarfien, imminaw l-effettività tal-isforzi kontroċikliċi li jstimulaw l-investiment kummerċjali. Dan juri li l-investiment fl-għarfien irid jimxi id fid mar-riformi fis-sistema tar-riċerka u l-innovazzjoni, inklużi kundizzjonijiet ta' qafas favur l-innovazzjoni għan-negozji innovattivi.

Filwaqt li bosta Stati Membri applikaw politika ta' konsolidazzjoni fiskali intelliġenti fuq l-investimenti pubbliċi tagħhom fir-R&Ż u l-innovazzjoni, issa hemm ir-riskju li t-tul u l-ħruxija eċċezzjonali tal-kriżi attwali qed jibdeu jimminaw il-kunsens politiku li jeħtieġ li dawn l-investimenti għandhom bżonn jiġu mħarsa. Fl-2011, il-baġits pubbliċi għar-R&Ż¹¹ naqsu għall-ewwel darba sa mill-bidu tal-kriżi, għalkemm dan qed jiġi parzjalment ibbilanċjat minn żieda fid-dħul mit-taxxa mitluf minħabba inċentivi fiskali¹². Meta jitqabblu l-baġits pubbliċi tal-Istati Membri għar-R&Ż fl-2011 u l-2012, jidher li l-għadd ta' pajjiżi li żammew il-livell jew żiedu l-infiq pubbliku tagħhom qiegħed jiċkien ukoll. Dan jippreżenta theddida ċara li taqa' l-prestazzjoni Ewropea fl-innovazzjoni u tiġi mxejnkla l-kompetittività fil-ġejjieni.

Meta nħarsu lejn it-trijangolu tal-għarfien kollu (l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni), naraw mudell simili. Fl-2009, l-Istati Membri kollha ħliet tnejn żammew jew żiedu n-nefqa pubblika tagħhom fl-edukazzjoni¹³. Minn dak iż-żmien, il-persjoni kontinwa fuq il-finanzi pubbliċi wasslet għal tnaqqis fl-investimenti fl-edukazzjoni minn ħafna gvernijiet¹⁴.

2.2. Riforma li żżid l-effiċjenza u l-effettività

Fi żminijiet ta' limitazzjoni fiskali, huwa saħansitra aktar importanti li ssir riforma, sabiex jiġi sfruttat il-massimu mill-flus investiti. Għad hemm differenzi konsiderevoli bejn l-Istati Membri f'termini tar-riċerka u l-effiċjenza tal-innovazzjoni. Għal ammont partikolari ta' investiment pubbliku, xi pajjiżi jibbrillaw aktar fix-xjenza u t-teknoloġija minn oħrajn (Grafika 3).

Għaldaqstant, jidher ċar li għalkemm kull kuntest nazzjonali jitlob soluzzjonijiet speċifiċi, l-użu sħiħ taż-Żona Ewropea tar-Riċerka jiġġenera effiċjenza sostanzjalment ikbar fil-kapaċitajiet tal-għarfien u t-teknoloġija. L-Istati Membri bl-ikbar suċċess inrexxilhom iżidu l-kwalità xjentifika u l-impatt ekonomiku tal-bażi xjentifika tagħhom, filwaqt li oħrajn għadhom qed jiffaċċjaw problemi ta' effiċjenza jew għandhom impatt baxx bl-investimenti pubbliċi tagħhom.


¹¹ Approprijazzjonijiet tal-baġit jew nefqiet tal-Gvern għar-R&Ż (GBAORD).

¹² It-Tabella ta' Valutazzjoni tax-Xjenza, it-Teknoloġija u l-Industrija 2011, OECD.

¹³ Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni Ewropea "Monitiraġġ tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2012"

¹⁴ Kummissjoni Ewropea COM(2012) 669/3 "Reviżjoni tal-Edukazzjoni: Ninvestu fil-ħiliet għal eżiti soċjoekonomiċi aħjar"

Grafika 3. Investiment u eċċellenza tar-riċerka¹⁵



Sors DĠ Riċerka u Innovazzjoni - Taqsima ta' Analiżi Ekonomika

Dejta: Eurostat

Noti: (1) Intensità tar-R&Ż pubblika medja (Nefqa Domestika gross pubblika fuq ir-R&Ż b'ħala % tal-PDG).

(2) EL: 2004-2007; SE, IT: 2005-2010; DK: 2007-2010, LU: 2009-2010.

(3) Indikatur kompost tal-eċċellenza fir-Riċerka (studju tal-fattibbiltà mill-JRC)

Ħafna Stati Membri tal-UE nedew **riforimi politiċi ambizzjużi** bil-għan li jagħmlu r-riċerka u s-sistema ta' innovazzjoni tagħhom aktar effiċjenti, b'konformità mal-għanijiet taż-Żona Ewropea tar-Riċerka¹⁶. Ħafna minn dawn ir-riforimi nbew qabel il-kriżi, iżda llum ġew estiżi jew approfonditi. Barra minn hekk, il-kriżi ekonomika wasslet għal integrazzjoni aktar b'saħħitha tar-riċerka u l-innovazzjoni f'politiki industrijali u makroekonomiċi nazzjonali usa'. F'bosta pajjiżi qed jifasslu jew qed jiġu implimentati abbozzi ta' liġijiet ġodda għall-innovazzjoni u strateġiji nazzjonali għar-riċerka u l-innovazzjoni u ħafna gvernijiet qed jorbtu l-innovazzjoni ma' pakketti usa' ta' riforma dwar l-intraprenditorja, l-ambjent tan-negozju u s-suq tax-xogħol, b'attenzjoni qawwija fuq kummerċjalizzazzjoni aħjar tar-riżultati tar-riċerka.

L-Istati Membri u l-Pajjiżi Assoċjati rrapportaw firxa ta' Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali, programmi, strateġiji u atti leġislattivi mmirati biex jiżguraw li jħarrġu biżżejjed riċerkaturi

¹⁵ L-interpolazzjoni lineari tindika l-korrelazzjoni bejn iż-żewġ varjabbli fil-Grafiki 3 u 5. Id-daqs tal-bużżejja tirrifletti d-daqs tal-ekonomija (b'ħala sehem mill-PDG tal-UE).

¹⁶ "Profili tal-pajjiżi : deskrizzjoni tal-prestazzjoni u l-karatteristiċi ewlenin tas-sistemi ta' riċerka u innovazzjoni tal-Istat Membri", Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanja l-komunikazzjoni

bil-għan li jilhq u l-miri nazzjonali tagħhom tar-R&Ż¹⁷. F'ħafna mill-każijiet, għadu kmieni wisq biex jitkejjel l-impatt dirett jew indirett ta' dawn il-miżuri. Madankollu, it-tendenza bħalissa hija li jkun hemm politiki u pjanijiet ta' azzjoni bbażati fuq kwistjonijiet, li mhux bilfors isawru ġabra koerenti. Il-mixja lejn strateġija integrata unika li tindirizza kwistjonijiet tar-**riżorsi umani** fil-professjoni tar-riċerka se tkun pass importanti.

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri fasslu jew implimentaw ukoll bidliet leġiżlattivi li jżidu l-**awtonomija tal-universitajiet**. Xi wħud introduċew kundizzjonijiet ġodda tal-impjiegi għar-riċerkaturi tas-settur pubbliku li jippermettulhom jaħdmu mas-settur privat u jikkumerċjalizzaw is-sejbiet xjentifiċi u l-invenzzjonijiet teknoloġiċi tagħhom.

Qed jidħlu fis-seħħ miżuri li jappoġġjaw **l-internazzjonalizzazzjoni tal-atturi tar-riċerka pubblika u privata**, u b'mod partikolari l-integrazzjoni tagħhom fin-netwerks ta' flussi tal-għarfien madwar l-Ewropa. L-Istati Membri qegħdin jikkunsidraw dejjem aktar il-benefiċċji tal-integrazzjoni tar-riċerka nazzjonali u s-sistemi ta' innovazzjoni tagħhom fis-sistemi globali u Ewropej sabiex jiġu sfruttati katini tal-valur globali u jindirizzaw id-domanda għall-innovazzjoni minn swieq internazzjonali ġodda. Għal dan il-għan, programmi li jippromwovu r-R&Ż għandhom jinfetħu għal imsieħba internazzjonali u kollaborazzjoni transkonfinali, li ssaħħaħ il-komplementarjetà tal-ktajjen tal-valur madwar il-pajjiżi. Il-kollaborazzjonijiet pubbliċi u privati u l-internazzjonalizzazzjoni tad-ditti jinsabu fil-qalba tal-**politiki qawwija tar-raggruppament** li ġew żviluppatti f'ħafna Stati Membri matul l-aħħar snin.

Il-mobilità transkonfinali għadha relattivament baxxa. Riċerkaturi li jiċċaqalqu għandhom tendenza li jagħmlu hekk mis-settur pubbliku għas-settur privat, iżda l-fluss fid-direzzjoni l-oħra huwa marġinali, kif inhu wkoll kull fluss 'il quddiem u lura. Minkejja l-progress fil-mobilità tal-istudenti, ftit wisq mill-universitajiet u l-organizzazzjonijiet ta' riċerka pubbliċi jirreklutaw professuri barranin jew jirrikonoxxu l-importanza li tinksew esperjenza internazzjonali mill-persunal tagħhom¹⁸. Il-prospetti għal promozzjoni għar-riċerkaturi innovattivi li jikkollaboraw mas-settur tan-negozju huma skarsi u t-trasferiment ta' għarfien effettiv huwa viżibbli biss fl-aktar Stati Membri dinamiċi. Il-finanzjament li jaqa' taħt il-maġġoranza tal-programmi ta' riċerka nazzjonali u reġjonali għadu fil-biċċa l-kbira tiegħu magħluq għal parteċipanti bbażati fi Stat Membru ieħor, u b'hekk l-Ewropa qed tiflew l-opportunitajiet ta' eċċellenza u l-flussi ta' għarfien transkonfinali.

L-isfruttar bis-sħiħ tal-iffinanzjar għar-riċerka pubblika jirrikjedi **livell sod ta' kompetizzjoni**. Dan jista' jinkisew permezz ta' finanzjament tal-proġett (sejħiet miftuħa għall-proposti) u finanzjament istituzzjonali bbażat fuq il-prestazzjoni marbuta mal-eċċellenza xjentifika, l-internazzjonalizzazzjoni, u l-kollaborazzjoni man-negozju. Madankollu, jeħtieġ li aktar Stati Membri jersqu lejn finanzjament aktar kompetittiv: s'issa, hemm biss għadd żgħir ta' pajjiżi li waqqfu mekkaniżmu ta' allokkazzjoni tal-finanzjament effettiv li jipprovdi inċentivi għall-eċċellenza. Spiss wisq, il-finanzjament istituzzjonali jiġi allokat għal universitajiet u organizzazzjonijiet pubbliċi tar-riċerka mingħajr ebda kriterji ta' prestazzjoni jew monitoraġġ reali bbażat fuq evidenza. Meta l-allokkazzjoni tkun diżakkoppjata minn mal-prestazzjoni, ir-riċerkaturi individwali u l-istituzzjonijiet ikollhom ftit inċentivi li jħeġġuhom jidħlu f'networking madwar l-Ewropa jew f'kompetizzjoni, sabiex jirsistu għal eċċellenza jew jikkoooperaw mas-settur privat.

¹⁷ Rapport tar-Riċerkaturi 2012, ikkummissjonat mid-DĠ Riċerka u Innovazzjoni, http://ec.europa.eu/euraxess/pdf/research_policies/121003_The_Researchers_Report_2012_FINAL_REPORT.pdf

¹⁸ Ara l-anness "Profili tal-pajjiżi: deskrizzjoni tal-prestazzjoni u l-karatteristiċi ewlenin tas-sistemi ta' riċerka u innovazzjoni tal-Istat Membri". L-informazzjoni tinsab ukoll fil-Valutazzjoni tal-Impatt annessa mal-komunikazzjoni tal-KE "Sħubija Rinfurzata taż-Żona Ewropea tar-Riċerka għall-Eċċellenza u għat-Tkabbir", 17.07.2012 (COM 2012 392 finali)

L-Istati Membri qegħdin jiffokaw dejjem aktar fuq il-ħolqien ta' **ambjent tan-negozju favorevoli għall-innovazzjoni**. L-aktar miżuri użati huma l-inċentivi fiskali għall-investimenti fir-R&Ż jew vawċers tal-innovazzjoni għall-kumpaniji li jixtiequ jixtru servizzi mingħand fornituri tas-servizzi tal-innovazzjoni, it-teknoloġija u r-R&Ż. Xi Stati Membri qegħdin ukoll inaqqsu r-rati tat-taxxa fuq il-profitti mill-privattivi u tipi oħra ta' proprjetà intellettuali. Hemm appoġġ qawwi biex jiġi pprovdut aċċess aktar faċli għall-kapital tar-riskju għal kumpaniji li jkunu se jifthi, fl-istadji tal-bidu u ta' tkabbir bikri, kif ukoll għal proġetti innovattivi.

Madankollu, għad hemm żbilanċ fit-taħlitiet tal-politika nazzjonali bejn l-imbuttar tal-provvista u l-għid tad-domanda. L-istrumenti tan-naħa tal-provvista bħal għotjiet, self issussidjat u inċentivi tat-taxxa, jikkostitwixxu aktar minn 90 % tal-miżuri applikati¹⁹. Ftit pajjiżi biss qegħdin jużaw b'mod attiv il-miżuri min-naħa tad-domanda (eż. permezz tal-akkwist pubbliku, l-istandards jew ir-regolamentazzjoni) biex jgħinu fl-iżvilupp ta' swieq għal soluzzjonijiet innovattivi. Madankollu, bosta Stati Membri oħra bdew jiddiskutu jew ifasslu tali miżuri u huma mistennija li jibdew jimplimentawhom f'qasir żmien. L-iżvilupp ta' swieq ġodda hu appoġġjat l-aktar fl-oqsma tas-sostenibbiltà, l-effiċjenza enerġetika u l-applikazzjonijiet tal-gvern elettroniku.


2.3. Minn ta' Quddiem għall-Bidla Favur Aktar Innovazzjoni fl-Ewropa

Il-kriżi u l-globalizzazzjoni li dejjem tiżdied biddlu r-regoli tal-logħba. L-istrateġiji bbażati fuq l-investiment fl-għarfien u l-isfruttar bis-sħiħ tas-sistemi nazzjonali eżistenti tar-riċerka u l-innovazzjoni huma importanti ferm, iżda mhumiex biżżejjed. L-ekonomija Ewropea għandha bżonn ta' bidla radikali fid-dinamika tan-negozju lejn swieq globali bi tkabbir għoli u għarfien intensiv li għandhom il-potenzjal li jgħolqu aktar impjiegi u impjiegi aħjar. Din il-valutazzjoni hija appoġġjata mid-dejta ppreżentata fil-Grafika 4, li turi li l-ekonomiji fejn l-impatt ekonomiku tal-innovazzjoni huwa l-ikbar, għandhom rata ta' impjiegi ogħla.

Grafika 4: L-impatt ekonomiku tal-innovazzjoni huwa korrelat b'mod pożittiv mal-impjiegi

¹⁹

L-Opinjoni tal-KŻER dwar l-Istħarriġ Annwali tal-Kummissjoni dwar it-Tkabbir, Frar 2012



Sors: DĠ Riċerka u Innovazzjoni - Taqsima tal-Analiżi Ekonomika (2013)

Dejta: Eurostat, Tabella ta' Valutazzjoni tal-Unjoni tal-Innovazzjoni 2013

Huwa ġeneralment rikonoxxut li l-Ewropa teħtieġ li t-tessut ekonomiku tagħha jiġġedded u jkun orjentat lejn is-setturi li jirrappreżentaw is-swieq tal-ġejjieni u fejn tista' tiżviluppa vantaġġi kompetittivi sostenibbli, imsejsa fuq il-forza tax-xogħol tagħha b'livell għoli ta' edukazzjoni. Tali bidla strutturali għadha mhix qed isseħħ bil-pass meħtieġ. Sabiex iħaffu t-tiġdid tat-tessut ekonomiku tal-Ewropa, daww li jfasslu l-politika jridu b'mod urġenti jiffokaw l-isforzi politiċi fuq wieħed mill-mezzi ewlenin għal tali tiġdid: it-tkabbir ta' ditti innovattivi. Billi jagħmlu hekk, huma se jindirizzaw ostaklu ewlieni għall-prestazzjoni ekonomika tal-Ewropa.

L-istudji wrew tabilħaqq li, filwaqt li hemm inqas ditti innovattivi b'rata għolja ta' tkabbir fl-Ewropa meta mqabbla mal-Istati Uniti, it-tkabbir kumplessiv fl-impjieg jiddependi b'mod kritiku fuqhom. L-għadd u s-sehem ta' ditti b'rata għolja ta' tkabbir jista' jkun li huma żgħar, iżda l-għadd u s-sehem tal-impjieg li jiġġeneraw direttament jew indirettament huma sproporzjonatament kbar. Barra minn hekk, id-ditti innovattivi b'rata għolja ta' tkabbir huma essenzjali għat-tkabbir tal-produttività, billi l-mezz ewlieni għal tali tkabbir huwa r-riallokazzjoni tal-impjieg minn ditti bi produttività baxxa għal daww aktar produttivi: għe stmat li d-differenzi fid-dinamika tat-tkabbir tad-ditti bejn l-Istati Uniti u l-UE jirrappreżentaw aktar minn żewġ terzi tal-prestazzjoni baxxa fl-UE *vis-à-vis* l-Istati Uniti fit-tkabbir tal-produttività f'dawn l-aħħar deċennji.

Daww li jfasslu l-politiki nazzjonali jibbenefikaw kieku jirrevedu l-aspetti kollha tas-"sistemi nazzjonali ta' intraprenditorija u innovazzjoni" tagħhom li jistgħu jgħolqu ostakli għat-tkabbir ta' ditti innovattivi. Abbażi tal-evidenza empirika eżistenti, l-azzjonijiet ta' politika għandhom jiffokaw fuq l-aspetti ewlenin li ġejjin, b'mod partikolari:

- Diversi aspetti tal-qafas regolatorju huma importanti ferm għad-dinamika tat-tkabbir tad-ditti: L-Istati Membri jridu jindirizzaw kull diżinċentiv għat-tkabbir li jeżisti fir-

regolamenti tagħhom. Dan jista' jikkonċerna pereżempju ffissar tal-istandards modernizzati u swieq tax-xogħol bi prestazzjoni tajba. Barra minn hekk, ir-reġimi ta' falliment li jippenalizzaw bil-qawwi lill-“intraprendituri li fallew” instabu li jiskoraġġixxu l-intraprenditorija b'rata għolja ta' tkabbir. Aktar ditti b'rata għolja ta' tkabbir jistgħu jfissru wkoll aktar każijiet ta' falliment. Lil hinn mil-leġiżlazzjoni, hemm bżonn ta' bidla fl-imġiba soċjali fil-konfront tal-intraprendituri li jkunu fallew.

- L-aċċess għall-finanzjament tad-dejn u tal-ekwità huwa naturalment essenzjali għall-intraprenditorija b'rata għolja ta' tkabbir. Filwaqt li bosta Stati Membri diġà żviluppaw il-politiki biex jindirizzaw din il-kwistjoni, din tista' tkun għadha ta' ostaklu importanti, b'mod partikolari fl-Istati Membri bi swieq finanzjarji inqas żviluppati. F'dan ir-rigward, ir-Regolament tal-UE li joħloq Fond ta' Kapital ta' Riskju Ewropew u li ġie adottat fl-2012 huwa pass kbir 'il quddiem billi jagħmilha aktar faċli għall-Investituri tal-Kapital ta' Riskju li jiġbru l-fondi mill-Ewropa kollha għall-benefiċċju tal-SMEs u tan-negozji li jkunu għadhom kemm fetħu²⁰.
- Il-mira speċifika biex jitrawwem l-iżvilupp ta' ditti innovattivi ġodda għandha tiġi integrata kompletament fit-tfassil ta' għodod ta' politika ta' riċerka u ta' innovazzjoni. Filwaqt li bosta Stati Membri żviluppaw inċentivi fiskali biex jappoġġjaw l-attivitajiet ta' R&Ż fit-tipi kollha ta' kumpaniji, jeħtieġ li jingħata trattament fiskali speċifiku u aktar favorevoli għall-kumpaniji innovattivi ġodda.
- Teżisti rabta mill-qrib bejn it-tkabbir, l-innovazzjoni u l-internazzjonalizzazzjoni. L-esportazzjoni u l-innovazzjoni huma strateġiji li jirrinforzaw lil xulxin li jirriżultaw f'ishma tal-esportazzjoni, fi dħul u fi tkabbir fl-impjiegi oġġla fil-livell ta' kumpanija. Għandu jkun hemm rabta bejn il-politiki li jappoġġjaw l-innovazzjoni u l-internazzjonalizzazzjoni. F'dan ir-rigward, il-politiki ta' raggruppament jistgħu jkunu għodda importanti, mhux l-inqas biex jappoġġjaw l-internazzjonalizzazzjoni tad-ditti innovattivi ġodda.
- L-innovaturi radikali ġodda jħabbtu wiċċhom ukoll ma' problemi fil-ħarsien tal-proprietà intellettwali tagħhom. Il-politiki fil-mira jew daww aktar ġenerali li jżidu kemm il-provvista tal-kapital (pubbliku) kif ukoll l-aċċess għal dan il-kapital u dawn il-politiki li jtejjbu s-sistema tal-IPR u jagħmluha tiswa inqas, se jkunu ta' benefiċċju għall-intrapriżi kollha li jikbru u li jixtiequ jinnovaw ruħhom iżda b'mod partikolari għall-intrapriżi innovattivi b'rata għolja ta' tkabbir. Il-qsim u l-professionalizzazzjoni tal-aċċess għall-portafolji tal-IPR, eż. permezz ta' pool ta' privattivi f'raggruppamenti, jistgħu jkunu wkoll strumentali biex tiġi żviluppata l-innovazzjoni fuq skala akbar fl-Ewropa.
- L-orjentazzjoni tas-sistema tar-R&Ż lejn it-trasferiment tal-għarfien, u b'mod partikolari t-titjib tar-rabtiet bejn il-bażi tax-xjenza u s-settur tan-negozju, hija ta' importanza primarja għall-ħolqien u t-tkabbir ta' kumpaniji innovattivi bbażati fuq it-teknoloġija. Bosta Stati Membri diġà żviluppaw politiki biex jistimolaw l-isfruttament kummerċjali tar-R&Ż; dawn il-politiki jridu jkomplu jiġu implimentati, msaħħa, evalwati u mġedda kif xieraq.
- Huwa essenzjali li jitrawwem l-iżvilupp speċifiku ta' kultura u mġiba ta' innovazzjoni u intraprenditorija, mhux l-inqas permezz tas-sistema edukattiva. L-istimolu tal-ambizzjonijiet ta' tkabbir f'negozji innovattivi ġodda u eżistenti u l-

²⁰

Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tippubblika fil-ġimgħat li ġejjin green paper dwar finanzjament fit-tul tal-ekonomija Ewropea fejn se jiġu ppreżentati l-ixpruni u l-limitazzjonijiet għal finanzjament fit-tul kif ukoll l-ideat għall-azzjoni u l-istrumenti/l-inizjattivi ġodda possibbli.

appoġġ għall-provvista ta' taħriġ, l-opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u t-tħarriġ kwalifikat f'intrapriżi ġodda u żgħar, eż. b'rabta mal-ġestjoni tal-innovazzjoni u t-tkabbir rapidu, ingħataw inqas attenzjoni fil-politiki mmirati lejn it-trawwim tat-tkabbir tad-ditti²¹.

Il-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq huma ċentrali għall-kisba tal-għanijiet tal-Ewropa 2020 u jiffokaw fuq politiki orizzontali li jfittxu li jipprovdu ambjent fertili għall-ħolqien ta' intrapriżi innovattivi b'rata għolja ta' tkabbir.

Minbarra l-isforzi fil-livelli reġjonali u nazzjonali, dawn il-prijoritajiet għandhom jiġu appoġġjati minn sforzi fil-livell tal-UE sabiex joħolqu ambjent kummerċjali li jiffavorixxi l-innovazzjoni fl-Ewropa kollha. Miżuri ta' dan it-tip jinsabu deskritti fit-taqsima li jmiss.

3. IL-PROGRESS FIL-BINI TAL- UNJONI TAL-INNOVAZZJONI

Fl-2012, sar progress tajjeb fl-implimentazzjoni tal-Unjoni tal-Innovazzjoni. Aktar minn 80 % tal-impenji jinsabu tajjeb fi triqthom permezz ta' inizjattivi li għaddejjin bħalissa. F'għadd żgħir ta' oqsma jeħtieġ li jiżdiedu l-isforzi. Dawn jinkludu użu aktar strateġiku tal-akkwist innovattiv, l-adozzjoni tal-proposti tal-Att dwar is-Suq Uniku I u l-implimentazzjoni tal-inizjattivi dwar l-iwwalorizzar tal-proprjetà intellettuali. Din it-taqsima tiffoka fuq l-azzjonijiet ta' politika ewlenin tal-2012. Fl-anness tingħata ħarsa ġenerali qasira lejn il-qagħda attwali tal-34 impenn kollha tal-Unjoni tal-Innovazzjoni.

3.1. Tisħiħ tal-bażi ta' għarfien u tnaqqis tal-frammentazzjoni

Il-promozzjoni tal-eċċellenza fl-edukazzjoni u fl-iżvilupp tal-ħiliet

In-nuqqas tat-tlaqqiġ tal-ħiliet attwali u n-nuqqas ta' xjenzati u inġiniera jippreżentaw theddida għall-kapaċità tal-innovazzjoni tal-Ewropa, preċiżament fi żmien meta l-ħtiġijiet teknoloġiċi qed jiżdiedu. Fl-2012, il-Kummissjoni ppreżentat Komunikazzjoni dwar ir-Reviżjoni tal-Edukazzjoni²². Din tiffoka fuq il-ħtieġa li jiġu żviluppati ħiliet trasversali bħall-ħsieb kritiku, is-soluzzjoni tal-problemi u l-ħiliet intraprenditorjali u li jissaħħu s-sħubijiet bejn l-akkademiċi u n-negozji.

Bħalissa jinsabu għaddejjin l-ewwel proġetti ta' Alleanzi tal-Għarfien. L-għan tagħhom huwa li jwaqqfu sħubijiet transsettorjali bejn min iħaddem u l-korpi edukattivi biex jindirizzaw in-nuqqas ta' tlaqqiġ tal-ħiliet, eż. fl-industrija awdjoviżiva (il-proġett CIAKL), fil-manifattura bl-integrazzjoni tal-ambjenti tal-fabbriki u tal-klassi (il-proġett KNOW-FACT) u billi jrawmu spirtu intraprenditorjali kemm fl-istudenti kif ukoll fil-persunal (il-proġett EUEN). Se jsegwu aktar proġetti fl-2013, u mill-2014 'il quddiem, l-Alleanzi tal-Għarfien se jkunu parti mill-programm għid Erasmus għal Kulħadd.

Barra minn hekk, fl-2012 bdiet tiġi implimentata klassifikazzjoni multidimensjonali u internazzjonali tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja li ssegwi l-konklużjonijiet ta' studju ta' fattibbiltà.

Tlestija taż-Żona Ewropea tar-Riċerka

Il-kundizzjonijiet għall-kisba taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) sal-2014, għadhom ma ġewx stabbiliti. Iż-ŻER hija żona unifikata tar-riċerka bbażata fuq is-Suq Intern. Iż-ŻER tagħmel parti mill-Unjoni tal-Innovazzjoni u l-programm Orizzont 2020 jappoġġja l-implimentazzjoni tagħha b'ħafna modi. Din hija waħda mir-riformi strutturali ewlenin biex

²¹ Il-Kummissjoni Ewropea (2011), *Policies in support of high-growth innovative SMEs* (Il-politiki b'appoġġ għall-SMEs innovattivi b'rata għolja ta' tkabbir), INNO-Grips Policy Brief N°2.

²² COM(2012)669

tmexxi t-tkabbir fl-Ewropa, u hija rikonoxxuta dejjem aktar bħala tali. Filwaqt li l-progress sal-lum kien bil-mod, il-Kummissjoni pproponiet it-tisħiħ tas-Sħubija Ewropea tar-Riċerka għall-Eċċellenza u t-Tkabbir²³. L-enfasi tagħha u sett ċar ta' azzjonijiet ġew approvati mill-Kunsill tal-Kompetittività waqt il-laqgħa tiegħu fil-11 ta' Diċembru 2012. Fi ħdan is-sħubija rinfurzata, l-Istati Membri, l-organizzazzjonijiet tal-partijiet interessati u l-Kummissjoni se jaħdmu flimkien biex isaħħu l-effettività u l-effiċjenza tas-sistema Ewropea tar-riċerka pubblika. Dawn se jagħmlu hekk billi jħeġġu aktar ftuħ u kompetizzjoni, mobilità akbar għar-riċerkaturi, aktar kooperazzjoni transkonfinali u l-aħjar ċirkolazzjoni tal-għarfien. Il-progress lejn il-kisba taż-ŻER se jkollu jiġi mmonitorjat b'rabta mill-qrib mas-Semestru Ewropew. Dan se jirrikjedi wkoll tmexxija ta' livell għoli mill-Kunsill, informat bi djalogu regolari mal-partijiet interessati kollha. Il-Kummissjoni se tiżviluppa mekkaniżmu ta' monitoraġġ robust taż-ŻER b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri.

L-effett ikkombinat tal-ilħuq mill-UE tal-mira ta' 3 % tal-PDG maħsuba għar-riċerka, l-Orizzont 2020, u żieda fis-sehem tal-finanzjament transnazzjonali (bħalissa 0,8 %) permezz tal-kisba taż-ŻER, jista' jiġġenera sa EUR 445 biljun addizzjonali tal-PDG u żieda ta' 7,2 miljun impjieġ sal-2030²⁴.

Il-proposta tal-Kummissjoni għall-Orizzont 2020 tikkontribwixxi għat-twaqqif u t-tħaddim taż-ŻER, pereżempju billi tiftaħ l-aċċess għal pubblikazzjonijiet xjentifiċi bħala prinċipju ġenerali tal-Orizzont 2020. Il-Kummissjoni rrakkomandat ukoll li l-Istati Membri jieħdu approċċ simili għar-riżultati tar-riċerka ffinanzjati skont il-programmi nazzjonali tagħhom²⁵.

Riċerka eċċellenti ma ssirx f'vakwu. Tehtiegħ l-aqwa infrastrutturi ta' riċerka bħala pjattaformi għall-kollaborazzjoni biex jindirizzaw kwistjonijiet ta' riċerka li ma jistgħux jiġu indirizzati minn Stati Membri individwali jew reġjuni li jaġixxu waħidhom. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri qed jimxu 'l quddiem flimkien fil-bini tat-48 infrastruttura tar-riċerka prijoritarji identifikati fl-2010 mill-Forum Strateġiku Ewropew dwar l-Infrastrutturi ta' Riċerka (ESFRI). Madwar 27 minnhom mistennija jiġu implimentati matul l-2013.

Extreme Light Infrastructure hija infrastruttura mqassma milqugħa fir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija u r-Rumanija. Din issawwar faċilità Laser pan-Ewropea li mistennija li tħaddan fiha l-aktar lasers intensi fid-dinja. Tinvolve kważi 40 istituzzjoni akkademika u tar-riċerka minn 13-il Stat Membru tal-UE. It-tliet siti għandhom jibdew jaħdmu fl-2015. ELI se tkun l-ewwel infrastruttura identifikata mill-ESFRI li tinsab fi Stati Membri ġodda. Din qed tiġi prinċipalment kofinanzjata mill-fondi strutturali tal-UE. Il-proġett jirrappreżenta eżempju tajjeb ferm ta' kif l-infrastrutturi tar-riċerka jistgħu jilhqqu l-oġettivi mhux biss ta' eċċellenza xjentifika, iżda wkoll ta' żvilupp reġjonali u koeżjoni Ewropea.

Iffokar tal-finanzjament tal-UE fuq il-prijoritajiet tal-Unjoni tal-Innovazzjoni

Orizzont 2020, l-istrument il-ġdid tal-UE għar-riċerka u l-finanzjament tal-innovazzjoni mill-2014, se jgħib flimkien l-appoġġ kollu fil-livell Ewropew għar-riċerka u l-innovazzjoni taħt umbrella waħda. B'konformità mal-ambizzjoni stabbilita fl-Unjoni tal-Innovazzjoni, l-Orizzont 2020 jimmarka qasma importanti minn mal-imgħoddi, bil-fondi jkollhom approċċ ibbażat aktar fuq l-isfidi, b'regoli aktar sempliċi għall-parteċipanti, u bi twassil aktar effettiv tar-riżultati.

Wieħed mill-aspetti prinċipali tal-approċċ il-ġdid tal-Orizzont 2020 huwa l-enfasi fuq l-innovazzjoni. B'mod konkret, dan ifisser aktar finanzjament għal dawn li ġejjin: l-ittestjar, il-

²³ COM(2012)392finali.

²⁴ SWD(2012)212, Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni – Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja l-Komunikazzjoni (2012)392 finali

²⁵ COM (2012) 401 finali u COM (2012) 417 finali

ħolqien ta' prototipi, id-dimostrazzjoni u l-attivitajiet tat-tip pilota; ir-R&Ż xprunati min-negożju, il-promozzjoni tal-intraprenditorija u t-teħid ta' riskju; l-iformar tad-domanda għal prodotti u servizzi innovattivi permezz tal-iffissar tal-istandards u l-akkwist pubbliku; u l-ixprunar tal-innovazzjoni fl-oqsma mhux teknoloġiċi bħad-disinn, l-innovazzjoni tas-servizz u l-kreattività, il-mudelli ġodda ta' negożju u l-innovazzjoni soċjali, u b'hekk jiġi rifless approċċ wiesa' lejn l-innovazzjoni. Se jkun hemm ukoll approċċ imġedded għall-SMEs li jinkludi strument maħsub għall-appoġġ tal-kumpaniji li juru ambizzjoni qawwija biex jiżviluppaw, jikbru u jinternazzjonalizzaw²⁶. F'Orizzont 2020 ukoll, l-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA) se jikkontribwixxu għall-mira tal-Unjoni tal-Innovazzjoni li żżid b'miljun l-għadd ta' riċerkaturi.

Is-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka (FP7) attwali jinkludi l-enfasi ġdida fuq l-innovazzjoni tal-Orizzont 2020. Il-Programmi ta' Ħidma 2013 tal-FP7 iħaddnu sehem ferm akbar minn qatt qabel taċ-ċiklu tal-innovazzjoni u jipprovdu l-ikbar sejħiet għal proposti li qatt saru, li jammontaw għal EUR 8,1 biljun. L-għan huwa li jiġi żgurat aħjar l-isfruttament tar-riżultati tar-riċerka, u biex jitħaffef it-tqegħid ta' prodotti u servizzi ġodda fis-suq.

Spinta lit-talent u l-ħolqien ta' negożji ġodda: l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija

L-Istitut Ewropew għall-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) jibdel f'azzjoni l-kunċett tat-trijangolu tal-għarfien (l-edukazzjoni, ir-riċerka u n-negożju) permezz ta' tipi ġodda ta' sħubija, il-Komunitajiet tal-Għarfien u l-Innovazzjoni (KICs). Bħalissa hemm tliet KICs dwar it-tibdil fil-klima, l-enerġija sostenibbli u l-ġejjieni tas-soċjetà tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni. Il-programmi edukattivi tal-KICs tal-EIT jiffokaw fuq l-intraprenditorija u l-ħiliet tal-innovazzjoni u jipprovdu lill-istudenti u l-innovaturi tan-negożji bl-għarfien u l-attitudnijiet li għandhom bżonn biex jibdlu l-ideat f'opportunitajiet ta' negożju. L-EIT iddefinixxa l-kriterji għall-ġoddi ta' tikketta tal-EIT għal korsijiet tal-Masters u programmi ta' PhD.

L-Ewropa qed tiffaċċja nuqqas konsiderevoli ta' inġiniera u ħaddiema fl-ICT bit-taħlita ġusta ta' ħiliet. L-EIT ICT Labs Master School huwa wieħed mill-akbar sforzi konġunti Ewropej fl-edukazzjoni għolja li qed jippruvaw isolvu din il-problema. Dan jinvolti 21 università tal-KICs u skejjel dwar in-negożju. L-istituzzjonijiet involuti qed jagħtu seba' suġġetti tekniċi ta' speċjalizzazzjoni u suġġett ta' speċjalizzazzjoni minuri kompletament standardizzati fl-Innovazzjoni u l-Intraprenditorija. L-istudenti se jibbenefikaw ukoll minn skema ta' konsulenza u apprendistat ma' wieħed mill-imsieħba industrijali. Fil-programm tal-2012 iddaħħlu madwar 200 student.

L-edukazzjoni intraprenditorjali tingħata flimkien ma' firxa ta' servizzi ta' appoġġ għan-negożju u bosta skemi ta' innovazzjoni biex jitħaffef it-twassil tal-innovazzjoni fis-suq, bħall-InnoEnergy Highway u l-Climate-KIC Market Accelerator. Diġà qed jidher l-impatt, b'riżultati ta' riċerka u ideat ġodda li qed jaslu aktar malajr fis-suq u qed jattiraw l-ewwel klijenti.

Bis-saħħa ta' finanzjament mill-EIT Climate-KIC, Naked Energy, negożju li għadu jiftaħ dwar id-disinn u l-innovazzjoni, kien kapaċi jgħid bi proġett pilota fid-dinja reali fuq skala sinifikanti tat-teknoloġija solari tagħhom. Din il-biċċa teknoloġija ġdida qanqlet interess u wasslet għal ftehim ma' Sainsbury's, il-katina ewlenija ta' supermarkets.

²⁶

Din l-iskema l-ġdida, ispirata mill-iskema SBIR fl-Istati Uniti, hija wkoll tweġiba għat-talba li saret mill-Kunsill Ewropew fl-2011 sabiex ikun esplorat kif l-aħjar jintlaħqu l-bżonnijiet ta' kumpaniji innovattivi b'rata għolja ta' tkabbir permezz ta' approċċ ibbażat fuq is-suq.

"Ir-rwol ta' Climate-KIC kien li jidentifika l-opportunitajiet, biex iqabbel u jlaqqa' u biex jifihlha l-bibien. Huwa simili għal "innovazzjoni protetta". Fi ftit kliem, ir-relazzjoni tagħna ma' Climate-KIC tippermettilna npoġġu madwar il-mejda mal-ġganti tal-industrija." Christophe Williams Direttur Maniġerjali, Naked Energy

"Nafuh ir-Renju Unit. Iżda żgur li hemm ideat brillanti li għadna ma nafux dwarhom u li Climate-KIC tista' tipprovdihomlna. Irridu nkunu involuti fl-istadju bikri sabiex nġinu fit-tfassil tat-teknoloġija b'mod li jgħamel sens fil-livell kummerċjali." David Penfold tas-Sainsbury's Supermarkets Ltd

Il-proposta għall-Aġenda Strateġika tal-Innovazzjoni tal-EITs tiddekrivi l-konsolidazzjoni u l-iżvilupp ulterjuri tat-tliet KICs eżistenti u l-ħolqien ta' sitta oħrajn ġodda: l-innovazzjoni għall-għajxien b'saħħtu u t-tixjiħ attiv; food4future (ikel għall-ġejjieni); il-materja prima, il-manifattura b'valur miżjud; is-soċjetajiet intelliġenti u sikuri; il-mobilità urbana. L-EIT se jikkontribwixxi bil-qawwa għall-oġettivi stabbiliti fl-Orizzont 2020.

3.2. It-twassil ta' ideat tajba fis-suq

L-Unjoni tal-Innovazzjoni għandha l-għan li tneħħi l-ostakli li ma jippermettux lill-innovaturi jibiddlu l-ideat fi prodotti u servizzi ġodda li jistgħu jinbiegħu fis-swieq dinjija. Hemm bżonn li l-Ewropa tħaddem bis-sħiħ il-potenzjal innovattiv tagħha permezz ta' tfassil rapidu ta' standards, kisba orħos ta' protezzjoni tal-privattivi, akkwist pubbliku aktar intelliġenti ta' prodotti u servizzi innovattivi u aċċess aħjar għall-finanzi għall-innovaturi u l-SMEs. Il-proposti dwar dawn l-erba' mexxejja tal-innovazzjoni kienu ġew mgħoddija rapidament fl-Att dwar is-Suq Uniku I (2011). Dawn għandhom jibdeu iġibu impetu għid għall-innovazzjoni Ewropea mill-2013, hekk kif żewġ proposti ġew adottati fl-2012 u t-tnejn l-oħra mistennija jiġu adottati fl-2013.

Finanzjament tal-innovazzjoni

L-Ewropa ma għandha l-ebda nuqqas ta' ideat innovattivi li qed jistennew li jinbidlu f'mudelli ta' negozju ta' suċċess. L-ewwel ostaklu ħafna drabi jkun l-aċċess għall-finanzi, li kompla tgħarraq mill-kriżi attwali. L-Ewropa esperjenzat tnaqqis ta' 45 % fl-għbir ta' fondi kapitali ta' riskju wara l-kriżi. Barra minn hekk, l-investment Business Angel bħalissa huwa xi ħames darbiet akbar fl-Istati Uniti minn dak fl-Ewropa²⁷.

Fir-rapport tiegħu tal-2012, il-Grupp ta' Esperti dwar it-tlaqqiġ transkonfinali ta' ditti innovattivi mal-investituri xierqa rrakkomanda li jiġu appoġġati fondi kapitali ta' riskju li għandhom potenzjal, li l-komunità Business Angel issir professjonali, li jiġi ssorveljat u mħeġġeġ il-finanzjament parteċipattiv (crowd funding), u li jingħata taħriġ ta' pronteza tal-investitur għall-intraprendituri innovattivi. Fl-2013, il-Kummissjoni se tippreżenta wkoll green paper dwar il-finanzjament fit-tul tal-ekonomija Ewropea.

Sabiex jitneħħa x-xkiel għall-investimenti transkonfinali, fl-2012 intlaħaq ftehim dwar żewġ proposti leġiżlattivi dwar il-"Fondi għall-Intraprenditorija Soċjali" u l-"Fondi ta' Riskju Kapitali"²⁸ li mistennija jiġu adottati uffiċjalment fil-bidu tal-2013. Barra minn hekk, il-Kummissjoni lestiet l-analiżi tagħha tal-ostakli fiskali potenzjali għal investment transkonfinali ta' kapital ta' riskju, li fuq il-bażi tagħhom se tikkunsidra l-passi li jmiss bil-għan li tippreżenta soluzzjonijiet fl-2013.

²⁷ Rapport tal-President tal-grupp espert dwar it-tlaqqiġ transkonfinali ta' ditti innovattivi ma' investituri xierqa; Il-Kummissjoni Ewropea 2012; <http://ec.europa.eu/transparency/regexpert/index.cfm?do=groupDetail.groupDetailDoc&id=6008&no=1>

²⁸ COM(2011) 860 finali u COM(2011) 862 finali.

Mill-2014 'il quddiem, il-Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-SMEs (COSME) u l-Orizzont 2020 se jappoġġjaw b'mod konġunt strument finanzjarju azzjonarju u ta' dejn. Min-naħa tal-ekwità, iż-żewġ programmi flimkien se jagħmlu investimenti fl-istadju tat-tnissil, dak bikri, u dak tat-tkabbir b'appoġġ ta' skema konsistenti ta' kapital ta' riskju madwar l-UE kollha. L-Orizzont 2020 se jiffoka fuq l-istadju bikri, u COSME fuq l-istadju tat-tkabbir. Min-naħa tad-dejn, iż-żewġ programmi se jipprovdu self, garanziji u kontrogaranziji.

Bl-għan li jiżdied is-self għall-SMEs immexxija mir-riċerka u l-innovazzjoni, kmieni fl-2012 tnieda l-Istrument għall-Kondiviżjoni tar-Riskji (RSI) fil-forma ta' skema ta' garanzija sabiex ihegġegħ lill-banek jipprovdu aktar self lill-SMEs innovattivi u lill-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja.

Matul l-2012, il-Faċilità ta' Finanzjament għall-Kondiviżjoni tar-Riskju (RSFF) ikkonċentrat riżorsi addizzjonali fuq l-infrastrutturi tar-riċerka, b'self sostanzjali li jasal sa EUR 300 miljun estiż għall-ESO (Osservatorju Ewropew tal-Emisferu tan-Nofsinhar) biex jappoġġja l-bini tat-Teleskopju Ewropew Kbiri ta' Ħafna (E-ELT). Dan it-teleskopju rivoluzzjonarju bbażat fuq l-art se jkollu mera ewlienija ta' 39 metru u se jkun l-akbar teleskopju ottiku/qrib infraaħmar fid-dinja: "it-tieqa tal-Ewropa fuq l-univers".

Fl-2013, il-Bank Ewropew tal-Investment se jibda jalloka EUR 10-15-il biljun addizzjonali għall-innovazzjoni u l-ħiliet permezz ta' faċilità ġdida tat-Tkabbir u l-Impjiegi, u b'hekk jiġu ġġenerati sa EUR 65 biljun f'investment addizzjonali.

L-ifformar tad-domanda għal prodotti u servizzi innovattivi

Kumpaniji innovattivi jistgħu jirnexxu biss jekk ikun hemm suq għall-prodotti u servizzi tagħhom, u jekk il-konsumaturi jkun l-estruhom. Il-pakkett ta' standardizzazzjoni l-ġdid, li jidħol fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2013, u l-proposta għall-modernizzazzjoni tal-liġi tal-akkwist pubbliku tal-UE, huma ksbiet ewlenin li jgħinu prodotti u servizzi innovattivi jilhqgħ s-suq aktar malajr. B'riżultat tal-pakkett imsemmi qabel, sal-2020 għandu jiġi żviluppat standard Ewropew u dan tal-aħħar se jippermetti lill-akkwirenti pubbliċi jużaw proċedura speċjali għax-xiri ta' oġġetti u servizzi innovattivi, jixtru bi sħab ma' akkwirenti minn Stati Membri oħra sabiex jaqsmu r-riskji u l-ispejjeż, u jinkludu l-karattru innovattiv fil-kriterji tal-ġoti. Madankollu, il-proposti dwar l-akkwist għadhom iridu jiġu adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill.

L-akkwist innovattiv²⁹ qed jaqbad bil-mod madwar l-Ewropa. Fl-2012, l-Italja assenjat aktar minn EUR 300 miljun³⁰ għal akkwist prekommerċjali (PCP)³¹. Il-PCP se jiġi skjerat fin-Nofsinhar tal-Italja bl-appoġġ tal-fondi strutturali, l-istess kif sar f'reġjuni Taljani oħra. Barra minn hekk, ir-riskju oġġla relatat ma' dan ix-xiri jista' jkun kopert minn faċilità speċjali ta' kondiviżjoni tar-riskji stabbilita b'kooperazzjoni mal-Bank Ewropew tal-Investment. Il-kollaborazzjoni transkonfinali qed tiżviluppa wkoll. Il-Ministri Nordiċi tal-Industrija nedew "proġett pijunier" fil-kura tas-saħħa biex tissaħħaħ il-kollaborazzjoni bejn in-Norveġja, il-Finlandja, l-Isvezja, id-Danimarka u l-Islanda dwar l-akkwist innovattiv.

Il-kooperazzjoni transnazzjonali dwar l-akkwist innovattiv bħalissa qed tiġi appoġġjata fi fteit oqsma permezz tal-finanzjament tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni. Fl-2012, tniedew 16-il proġett biex imexxu l-akkwist innovattiv li involvew akkwirenti mill-maġġoranza tal-Istati

²⁹ L-akkwist innovattiv jinkludi l-akkwist prekommerċjali (PCP) u l-akkwist pubbliku ta' soluzzjonijiet innovattivi (PPI).

³⁰ EUR 170 miljun ta' finanzjament nazzjonali mill-Italja, flimkien ma' aktar Fondi Strutturali tal-UE u appoġġ tal-BEI.

³¹ Il-PCP huwa metodu għall-akkwist tas-servizzi tar-R&Ż bil-għan li jiġi żviluppat prodott jew soluzzjoni ġdida.

Membri. Il-proġetti se jħeġġu lill-akkwirenti pubbliċi biex jużaw aktar soluzzjonijiet innovattivi fl-oqsma ta' sistemi tad-dawl, il-bini effiċjenti fl-enerġija, it-teknoloġija ta' superkomputazzjoni u l-indukrar aħjar għall-anzjani, is-sistema ta' trasport intelliġenti, il-kontroll intelliġenti ta' sigurtà fil-fruntieri u t-tessuti intelliġenti għat-tifi tan-nar. Fl-2013, aktarx li dan l-appoġġ fil-livell tal-UE jkber b'aktar mid-doppju u joqrob lejn il-EUR 100 miljun.

*Fi ħdan il-proġett FP7 **SILVER**, l-akkwirenti pubbliċi minn ħames pajjiżi, ir-Renju Unit, id-Danimarka, l-Isvezja, il-Finlandja u l-Pajjiżi l-Baxxi, se jniedu flimkien l-ewwel sejħa għall-offerti transkonfinali tal-akkwist prekommerċjali kmieni fl-2013. Is-sejħa għandha l-għan li tiżviluppa soluzzjonijiet robotiċi ġodda biex jassistu lill-anzjani b'diżabilitajiet fiżiċi. Billi jagħmel sejħa PCP, il-konsorzju jantiċipa li jkollu aċċess għal soluzzjonijiet teknoloġiċi ġodda li, meta jkunu implimentati fl-indukrar tal-anzjani, dawn se jagħmluha possibbli li sal-2020, dawk li jirċievu l-indukrar jiżiedu b'10% filwaqt li jibqa' l-istess in-numru ta' indukraturi.*

L-integrazzjoni aħjar ta' kwistjonijiet ta' standardizzazzjoni kmieni fi proġetti ta' riċerka u innovazzjoni hija kruċjali għat-tixrid tal-għarfien, l-interoperabbiltà bejn il-prodotti u s-servizzi, u eventwalment il-ftuħ ta' swieq ġodda. Riżultati tanġibbli tal-istandardizzazzjoni qed jiġu żviluppati fi ħdan il-proġetti tal-FP7. Fl-2012 tnedew proġetti ġodda sabiex iħaffu t-twassil tal-istandards ispirati mir-riżultati tar-riċerka ffinanzjati mill-FP, pereżempju għall-bijoprodotti, l-istampar 3D, tessuti intelliġenti u l-użu tal-injam fil-kostruzzjoni. Huwa mistenni aktar użu fl-2013 b'madwar 75 sejħa għall-proposti li jsemmu l-istandards.

*Kull kumpanija trid timmaniġġja relazzjonijiet multipli u dinamiċi fi ħdan bosta networks. It-twaqqif tal-iskambju bilaterali ta' dejta elettronika ma' kull imsieħeb fin-negozju huwa kkumplikat ferm, speċjalment għal networks ta' manifattura mhux ġerarkika, u d-dewmien u l-iżbalji jistgħu jsejtnu faċilment. L-oġettiv ewlieni tal-proġett **inTime** huwa li jtejjeb il-kisba u l-affidabbiltà fir-relazzjonijiet bejn il-klijent u l-fornitur, filwaqt li jibbilanċja l-produzzjoni fin-network ġenerali. Abbażi tar-riżultati tal-proġett, ir-riżultat tanġibbli ta' standardizzazzjoni ġie ppubblikat f'Settembru 2012. Il-pjattaforma ta' komunikazzjoni multilaterali kif deskritta fir-riżultat tanġibbli tippermetti lill-kumpaniji parteċipanti, speċjalment lill-SMEs, biex jissimplifikaw u jirrazzjonalizzaw ir-relazzjonijiet kummerċjali tagħhom, billi hemm bżonn ta' kanal wiehied biss biex tiġi stabbilita komunikazzjoni mal-imsieħba kollha tan-negozju fuq il-pjattaforma.*

Il-prodotti u s-servizzi innovattivi jinsabu wkoll fil-qalba tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Ekoinnovazzjoni (EcoAP) adottat f'Diċembru 2011³². L-EcoAP jimmira li joħloq it-tkabbir u l-impjiegi bi prodotti, servizzi u soluzzjonijiet għan-negozju b'impatt ambjentali pożittiv. Dan jinkludi seba' azzjonijiet: (1) politika ambjentali u reviżjoni tar-regolamentazzjoni; (2) proġetti ta' dimostrazzjoni u replikazzjoni tas-suq; (3) standards u miri ta' prestazzjoni; (4) servizz ta' appoġġ u finanzjament għall-SMEs; (5) ħiliet u impjiegi ġodda; (6) kooperazzjoni internazzjonali; u (7) Sħubijiet Ewropej tal-Innovazzjoni³³.

Il-proġetti ta' replikazzjoni tas-suq tal-ekoinnovazzjoni, immaniġġjati mill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni, jittrasformaw l-innovazzjonijiet fi prodotti u servizzi ekoloġiċi kummerċjabbli. L-istejjer ta' suċċess jinkludu GLASSPLUS u SATURN³⁴. GLASSPLUS joffri l-possibbiltà li jerġa' jintuża mill-ġdid il-ħġieġ mis-settijiet antiki tat-

³² COM(2011) 899 finali.

³³ http://ec.europa.eu/environment/ecoap/index_en.htm

³⁴ <http://www.glassplus.eu/home.aspx>, <http://www.saturn.rwth-aachen.de/>

televiżjoni. 60 000 sett diġà ġew ittrasformati f'tajls. SATURN jirkupra metalli mhux ferrużi mill-iskart muniċipali, b'rati ta' separazzjoni u purità mingħajr paragun, li jaqtbu, rispettivament, 98 u 90 %.

Kapitalizzazzjoni fuq il-proprietà intellettuali u l-kreattività

Ir-reġimi tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettuali għandhom impatt kruċjali fuq kif l-għarfien u l-kreazzjonijiet ġodda huma posseduti, maqsuma u użati. Għaldaqstant, dawn jikkostitwixxu komponent ewlieni tal-kundizzjonijiet ta' qafas għar-riċerka u l-innovazzjoni.

Il-ftehim storiku dwar il-privattiva unitarja ntlaħaq f'Diċembru 2012³⁵. Dan għandu jippermetti li tingħata l-ewwel privattiva Ewropea b'effett unitarju u li tiġi rreġistrata fir-rebbiegħa 2014. Madankollu, l-Istati Membri se jkollhom bżonn jirratifikaw malajr il-Ftehim tal-Qorti Unifikata tal-Privattivi sabiex jikkonformaw mal-iskadenza fl-2014 tal-Unjoni tal-Innovazzjoni.

F'Marzu 2012 beda jitħaddem Patent Translate, servizz ta' traduzzjoni awtomatika³⁶. L-għodda qed tiġi żviluppata mill-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi b'kooperazzjoni ma' Google. Din diġà toffri traduzzjonijiet minn, u lejn, l-Ingliż għal erbatax-il lingwa, u gradwalment se testendi sabiex tkopri 32 lingwa sal-2014. Patent Translate, servizz mingħajr ħlas, se jħaffef l-aċċess ta' kulħadd għall-kontenut tal-privattivi u d-dokumenti relatati mal-privattivi li jkunu ppubblikati minn kullimkien madwar id-dinja.

Fl-2012, il-Kummissjoni ppreżentat analiżi tal-ostakli ewlenin li l-kumpaniji Ewropej, speċjalment l-SMEs, qed iħabbtu wiċċhom magħhom fl-ivvalorizzar tal-privattivi eżistenti. Hi ddeskriviet ukoll xi passi possibbli li jistgħu jittieħu sabiex tagħti nifs ġdid lil proprietà intellettuali li ġiet traskurata³⁷. Il-Kummissjoni nediet ukoll strateġija għall-promozzjoni tas-setturi kulturali u kreattivi, b'enfasi fuq il-potenzjal ta' innovazzjoni tagħhom³⁸.

L-Alleanza Ewropea tal-Industriji Kreattivi Ewropej nediet djalogu politiku u tmien azzjonijiet konkreti fuq il-kupuni tal-innovazzjoni, l-aċċess aħjar għal finanzjament u l-eċċellenza u l-kooperazzjoni fir-raggruppament għal żvilupp ulterjuri tal-industriji kreattivi u l-użu aħjar tal-forom kollha ta' għarfien u kreattività minn industriji oħra. Il-Bord Ewropew ta' Tmexxija fid-Disinn ta' 21 rakkomandazzjoni li abbażi tagħhom il-Kummissjoni se timplimenta pjan ta' azzjoni għall-promozzjoni tal-adozzjoni u l-fehim tar-rwol tad-disinn fil-politika tal-innovazzjoni.

3.3. Sħubijiet Ewropej tal-Innovazzjoni

L-approċċ tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni (EIP) biex jitħaffu l-iżvilupp u l-adozzjoni ta' innovazzjonijiet għall-isfidi tas-soċjetà daħal f'fażi ġdida matul l-2012 bil-proġett pilota dwar it-"Tixjiħ Attiv u b'Saħħtu" (AHA) jgħaddi mill-ippjanar sal-implimentazzjoni, u bl-approċċ ikun propost għal erba' oqsma oħra.

Fi Frar, il-Kummissjoni approvat il-Pjan ta' Implimentazzjoni Strateġika (SIP) ippreżentat mill-Grupp ta' Tmexxija tal-AHA u stabbilixxiet azzjonijiet ta' appoġġ fil-livell tal-UE. Dan inkluda stedina lill-partijiet interessati biex jieħdu impenn bil-miktub għal azzjonijiet konkreti u/jew biex isiru sit ta' referenza, u t-twaqqif ta' suq għal ideat innovattivi li jgħinu lil partijiet interessati jsibu msieħba, jaqsmu bejniethom l-inizjattivi emerġenti u jxerrdu l-evidenza.

³⁵ L-adozzjoni taż-żewġ regolamenti li jimplementaw kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja http://ec.europa.eu/internal_market/indprop/patent/index_en.htm

³⁶ <http://www.epo.org/searching/free/patent-translate.html>

³⁷ SWD (2012) 458 finali,

³⁸ COM(2012) 537 finali.

Kien hemm rispons inkoraġġanti b'261 impenn għal azzjonijiet speċifiċi ppreżentati minn gruppi ta' partijiet interessati li jiġbru flimkien l-awtoritajiet pubbliċi, il-kumpaniji tat-teknoloġija, il-fornituri tas-saħħa, l-industrija u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi. Barra minn hekk, 54 reġjun esprimew l-interess tagħhom biex isiru sit ta' referenza u jservu ta' eżempji ta' Prattika tajba u biex jinvolvu ruħhom fiż-żieda u fir-replikazzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi. Madwar 500 imsieħeb abbonaw fis-suq ibbażat fuq l-internet³⁹.

Daħlu impenji mill-Istati Membri kollha tal-UE li jimmobilizzaw aktar minn 1000 reġjun u muniċipalità fl-UE, kif ukoll minn pajjiżi oħra. B'kollox, is-sottomissjonijiet juru li aktar minn 4 miljun ċittadin Ewropew jista' jibbenefika direttament mis-Sħubija li hija maħsuba li jkollha l-massa kritika biex iġġib riforma reali fil-mod kif aħna nirċievu u nipprovdur l-kura tas-saħħa fl-Ewropa. Is-sitt gruppi ta' partijiet interessati ppubblikaw il-Pjanijiet ta' Azzjoni tagħhom f'Novembru 2012 fejn jiddeskrivu r-riżultati tanġibbli u l-eżiti għas-sentejn sa tliet snin li ġejjin.

"L-EIP dwar it-Tjixi Attiv u b'Saħħtu hija eżempju tajjeb ta' kif il-kooperazzjoni tista' tintuża fil-prattika; mhux biss bejn il-kumpaniji iżda bejn il-partijiet interessati fi ħdan il-katina tal-valur. Fil-każ tal-AHA, ir-riskju mhuwiex fit-teknoloġija, għax il-parti l-kbira tat-teknoloġiji diġà lesta. Hija kwistjoni ta' fużjoni tat-teknoloġiji (komunikazzjoni diġitali, ġestjoni tad-dejta, networks ta' sensors...) fil-ħajja reali, u b'hekk tikkonċerna ħafna aktar l-innovazzjoni soċjali: modi ġodda ta' kif isiru l-affarijiet u mudelli ġodda ta' negozju. Meta n-nies jibdwu jagħmlu l-affarijiet b'modi ġodda, jinqalgħu l-opportunitajiet ta' investment. Aħna mmorru għal dawn. Aħna se ninvestu fl-innovazzjoni għal tixjiħ attiv u b'saħħtu, għaliex intom fil-Kummissjoni impenjajtu ruħkom li tnaqqsu r-riskju tal-investment billi tohloqu kuxjenza u komunità riċettiva, u ovvjament għaliex hemm suq emerġenti enormi għal servizzi relatati mat-tixjiħ, li huwa attraenti ħafna biex tidħol fih." Dr. Jos B. Peeters, Capricorn Venture Capital

Wara l-approvazzjoni tal-AHA SIP, il-Kummissjoni ressqet proposti għal EIPs ġodda, waqt li tgħallmet mill-proġett pilota, bħall-ħtieġa ta' governanza ħafifa u l-kjarifika li l-EIPs ma jiħdux post il-proċessi tat-teħid ta' deċiżjoni formali għall-programmi ta' finanzjament jew leġislazzjoni.

Fi Frar, il-Kummissjoni pproponiet EIPs dwar il-"Produttività u s-Sostenibbiltà Agrikola" u dwar il-"Materja Prima". F'Mejju żiedet proposta għal EIP dwar l-"Ilma" u f'Lulju pproponiet EIP dwar "il-Bliet u l-Komunitajiet Intelliġenti". Wara l-approvazzjonijiet mill-Kunsill, l-EIP dwar l-"Ilma" jwassal l-SIP tiegħu f'Diċembru 2012, u l-aspettattivi huma li l-SIPs dwar "l-Agrikoltura", "il-Materja Prima" u "il-Bliet u l-Komunitajiet Intelliġenti" se jinħarġu matul l-2013 sabiex l-implimentazzjoni tkun tista' tibda kmieni kemm jista' jkun.

Għall-2013 hemm ippjanati evalwazzjoni tal-progress tal-AHA u valutazzjoni usa' tal-approċċ tal-EIP minn esperti indipendenti biex jiċċekkjaw jekk hemmx xi miżuri addizzjonali jew emendi meħtieġa biex itejbu l-impatti tal-EIPs attwali u biex jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet għal EIPs oħra.

3.4. Massimizzazzjoni tal-koeżjoni soċjali u territorjali

Tneħħija tal-qasma fl-innovazzjoni

L-analiżi tal-prestazzjoni tal-pajjiż⁴⁰ u t-Tabella tal-Valutazzjoni tal-Innovazzjoni Reġjonali 2012⁴¹ (Grafika 4) juru li d-diverġenzi reġjonali tal-innovazzjoni għadhom jippersistu u

³⁹ <http://webgate.ec.europa.eu/eipaha>

⁴⁰ Ara l-anness dwar il-prestazzjoni tal-Istati Membri li jakkumpanja l-komunikazzjoni

jirriskjaw li jikbru mal-kriżi. Reġjuni b'saħħithom u innovattivi jixprunaw il-prestazzjoni fl-aktar pajjiżi innovattivi, u mexxejja bħal dawn huma inqas prevalenti fi Stati Membri oħra. Filwaqt li l-prestazzjoni tal-innovazzjoni reġjonali baqgħet relattivament stabbli matul l-2007-2011, uriet livell ta' varjazzjoni ferm ogħla meta mqabbla mal-prestazzjoni tal-livell tal-pajjiż. Din id-diversità reġjonali titlob għal tfassil aħjar ta' politiki dwar l-innovazzjoni skont l-elementi li fihom imorru relattivament tajjeb ħafna r-reġjuni individwali. Din se tkun mħeġġa fil-Politika ta' Koeżjoni 2014-2020 tal-gejjieni⁴². L-Istati Membri se jkollhom jiżviluppaw l-istrateġiji tar-riċerka u l-innovazzjoni għal speċjalizzazzjoni intelliġenti ffokata fuq numru limitat ta' prioritajiet. Il-Pjattaforma ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti⁴³ qed tgħin biex l-awtoritajiet pubbliċi jfasslu dawn l-istrateġiji permezz ta' evalwazzjonijiet bejn il-pari, linji gwida, u workshops madwar l-Ewropa. Bħalissa, tliet Stati Membri tal-UE u 103 reġjuni minn 19-il Stat Membru ieħor huma rreġistrati mal-pjattaforma. Sabiex tingħata għajnuna lil reġjuni sabiex jitlejghu t-"taraġ għall-eċċellenza", is-sinerġiji bejn l-Orizzont 2020 u l-finanzjament ta' Koeżjoni se jiġu massimizzati, il-ġemellaġġ/l-għaqda ta' ċentri eżistenti u emerġenti ta' eċċellenza se jkunu appoġġjati, se titwaqqaf faċilità għat-tagħlim fuq il-politiki u se jiġu stabbiliti l-Presidenzi taż-Żona Ewropea tar-Riċerka.


⁴¹ http://ec.europa.eu/enterprise/policies/innovation/files/ris-2012_en.pdf

⁴² Ara http://ec.europa.eu/regional_policy/what/future/proposals_2014_2020_en.cfm

⁴³ <http://s3platform.jrc.ec.europa.eu>

Grafika 5: Il-prestazzjoni fl-innovazzjoni skont ir-reġjuni

Sors: It-Tabella ta' Valutazzjoni dwar l-Innovazzjoni Reġjonali 2012



Appoġġ għall-innovazzjoni soċjali

L-innovazzjoni soċjali qed iżżid fil-momentum fl-Ewropa. L-Ewropa għall-Innovazzjoni Soċjali⁴⁴, ċentru virtwali għat-tiswir u s-simplifikazzjoni tal-innovazzjoni soċjali, ġibed kważi 50 000 ruħ fl-ewwel 18-il xahar tiegħu. Hekk kif il-qgħad qiegħed dejjem jiżdied, f'Ottubru 2012 il-Kummissjoni nediet kompetizzjoni li ssejjaħ għal ideat ġodda li jgħinu lin-nies jersqu lejn ix-xogħol jew lejn tipi ta' xogħol ġodda. B'mod parallel, bħala segwitu għall-Att dwar is-Suq Uniku I, l-Inizjattiva ta' Negożju Soċjali⁴⁵ qed tindirizza l-ostakli li jfixklu l-iżvilupp tas-settur tal-intrapriża soċjali bħal-leġiżlazzjoni, il-finanzjament u l-viżibbiltà u r-rikonnoxximent tal-valur miżjud soċjali ta' dan is-settur.

L-esperimentazzjoni tal-politika soċjali u l-innovazzjoni soċjali fl-oqsma tal-impjieġ u tal-politiki soċjali komplew jiġu appoġġjati matul l-2012 permezz ta' PROGRESS⁴⁶ u l-Fond Soċjali Ewropew (FSE). Il-perjodu ta' programmar futur għall-2014-2020 tal-FSE, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Programm ġdid tal-Unjoni Ewropea għall-Bidla u l-Innovazzjoni Soċjali (PSCI) se jsaħħaħ dan l-appoġġ.

⁴⁴ <http://www.socialinnovationeurope.eu/>

⁴⁵ COM(2011) 682 finali tal-25 ta' Ottubru 2011

⁴⁶ Il-programm PROGRESS huwa strument finanzjarju tal-UE
http://ec.europa.eu/research/infrastructures/index_en.cfm?pg=success9

Sa mill-2011, permezz tal-FP7, l-UE appoġġjat b'madwar EUR 30 miljun fi proġetti ta' riċerka fuq l-innovazzjoni soċjali u qed tiffinanzja żewġ networks ta' inkubaturi li jrawmu u jkabbru l-iskala tal-innovazzjonijiet soċjali li jirnexxu. Barra minn hekk, l-innovazzjoni soċjali se tkun appoġġjata minn Orizzont 2020. Din se tkun appoġġjata mill-impenn tal-Kummissjoni fl-Att dwar is-Suq Uniku II⁴⁷ li tiżviluppa metodoloġija biex tkejjel il-benefiċċji soċjoekonomiċi maħluqa mill-intrapriżi soċjali.

It-tfittxija ta' modi ta' finanzjament innovattivi għall-innovazzjoni soċjali u l-appoġġ għall-modernizzazzjoni tal-politiki tal-ħarsien soċjali huma parti mill-"Pakkett ta' Investiment Soċjali" ppreżentat fi Frar tal-2013. Dan jiffoka fuq iż-żieda tas-sostenibbiltà u l-adekwatezza tal-politiki baġitarji u soċjali: l-attivazzjoni tal-politiki soċjali u servizzi; l-investiment fit-tfal u ż-żgħażaġh; u r-razzjonalizzazzjoni tal-governanza tal-UE għall-politiki soċjali, il-monitoraġġ u l-komunikazzjoni maċ-ċittadini.


L-esperjenza tenfasizza l-importanza taċ-ċittadini bħala atturi ewlenin tal-innovazzjoni soċjali u l-ħtieġa ta' sħubijiet wiesgħa għall-promozzjoni tal-innovazzjoni fil-mekkaniżmi ta' politika soċjali, inklużi l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u mingħajr skop ta' qligħ tat-tielet settur. L-innovazzjoni fil-qasam tar-responsabbiltà soċjali tal-kumpaniji (CSR) tikkontribwixxi għal approċċ olistiku u orjentat lejn il-ġejjieni għal sħubijiet pubbliċi u privati fl-indirizzar tal-isfidi soċjali.

Il-mobilizzazzjoni tal-innovazzjoni tas-settur pubbliku

Minħabba l-qawwa tas-settur u s-sitwazzjoni finanzjarja u politika attwali, jeħtieġ li l-Ewropa timmobilizza l-innovazzjoni fis-settur pubbliku tagħha jekk trid li teċċella u tibqa' kompetittiva fil-livell internazzjonali. Barra minn hekk, il-modernizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika hija waħda mill-ħames prijoritajiet stabbiliti fl-Istħarriġ dwar it-Tkabir Annwali tal-Kummissjoni għall-2013. L-ippilotar ta' Tabella tal-Valutazzjoni Ewropea dwar l-Innovazzjoni fis-Settur Pubbliku⁴⁸ huwa l-ewwel tentattiv fl-UE kollha biex l-innovazzjoni fis-settur pubbliku tiġi analizzata u tinftiehem aħjar. L-analiżi turi biċ-ċar li s-servizzi pubbliċi mtejbja jagħmluha ferm aktar probabbli li l-kumpaniji jkunu innovattivi u jesperjenzaw żieda fil-bejgħ. Barra minn hekk, il-pajjiżi li jagħtu prestazzjoni tajba fil-kwalità tas-servizzi pubbliċi għandhom it-tendenza li juru prestazzjoni aħjar fl-innovazzjoni (Grafika 6). Għalhekk, amministrazzjonijiet ta' kwalità għolja u innovattivi huma assi fundamentali biex titrawwem il-prestazzjoni tal-innovazzjoni tal-Ewropa. **Grafika 6. L-effettività tal-Gvern u l-impatt ekonomiku tal-innovazzjoni**

⁴⁷ COM(2012) 573 finali tat-3 ta' Ottubru 2012

⁴⁸ Il-proġett pilota ta' Tabella tal-Valutazzjoni dwar l-Innovazzjoni fis-Settur Pubbliku Ewropew tal-2013



Sors: DĠ Riċerka u Innovazzjoni - Taqsima tal-Analiżi Ekonomika (2013)

Dejta: EUROSTAT, Bank Dinji (Il-proġett tal-Indikaturi ta' Governanza Madwar id-Dinja (WGI)) Tabella ta' Valutazzjoni tal-Unjoni tal-Innovazzjoni 2013

3.5. Ningranaw il-politiki tagħna esternament

L-Ewropa għandha timmassimizza l-eċċellenza tal-bażi xjentifika tagħha u tħeġġeġ it-tkabbir ta' kumpaniji innovattivi permezz ta' kooperazzjoni internazzjonali attiva u billi toħloq il-kundizzjonijiet it-tajba biex tattira l-aqwa talenti. Għalhekk, il-Kummissjoni stabbilixxiet strateġija ġdida għall-iżvilupp ta' kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni⁴⁹. L-istrateġija ttipprova li tkompli tiffoka l-kooperazzjoni fuq il-prijoritajiet strateġiċi tal-UE filwaqt li tinżamm it-tradizzjoni li tkun miftuħa għall-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi fir-riċerka tal-UE. Dan jinkludi l-indirizzar ta' sfidi globali, iżda wkoll tagħmel l-Ewropa post aktar attraenti għar-riċerka u l-innovazzjoni. Fl-istess waqt, huwa essenzjali li d-djalogi ta' innovazzjoni ma' pajjiżi terzi jqisu l-ħtieġa li jiġu promossi kundizzjonijiet indaqs għall-atturi Ewropej preżenti fit-territorji tagħhom u li tissaħħaħ iċ-ċertezza legali għall-investituri, partikolarment fuq id-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, li hija partikolarment rilevanti fil-qafas tan-negozjati li jmiss tal-ftehimiet ta' investiment ma' pajjiżi terzi bħaċ-Ċina.

L-istrateġija l-ġdida se tkun implimentata prinċipalment permezz tal-Orizzont 2020, kif ukoll permezz ta' inizjattivi konġunti mal-Istati Membri tal-UE. L-iżvilupp ta' pjanijiet direzzjonali multiannwali ma' msieħba ewlenin minn pajjiżi terzi huwa element ċentrali biex titjieb u tiġi ffokata l-kooperazzjoni internazzjonali. Dawn il-pjanijiet direzzjonali se jingħaqdu mal-ħidma tal-Forum Strateġiku għall-Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika Internazzjonali (SFIC) biex jiżguraw il-konsistenza u l-komplementarjetà bejn l-azzjonijiet meħuda mill-UE u mill-

⁴⁹

COM(2012)497

Istati Membri. L-SFIC huwa attwalment involut fi tliet inizjattivi mmirati mal-Indja, l-Istati Uniti, u ċ-Ċina, u f'Ottubru 2012 qabel li jniedi inizjattiva dwar il-Brażil.

Il-Grupp ta' Uffiċjali Għoljin (GSO)⁵⁰ stabbilixxew rakkomandazzjonijiet għal Qafas għall-kooperazzjoni internazzjonali dwar l-infrastrutturi globali tar-riċerka. Ir-rapport ġie approvat b'mod wiesa' mill-ministri tax-xjenza tal-grupp CARNEGIE⁵¹.

Kważi l-Istati Membri kollha ħadu xi azzjoni sabiex jattiraw aktar talent minn barra⁵², iżda għadu kmieni wisq biex wieħed jiġġudika s-suċċess ta' dawn il-miżuri. Il-Kummissjoni fl-2013 beħsiebha tressaq proposta ġdida għal Direttiva waħdanija biex tissemplifika r-regoli tal-migrazzjoni tal-UE għal ċerti gruppi, inklużi r-riċerkaturi, filwaqt li tiżgura l-uniformità u t-trasparenza tal-iskemi u d-drittijiet ta' ammissjoni madwar l-UE.

4. KONKLUŻJONIJIET U L-PASSI LI JMISS

Il-qagħda ekonomika fl-Ewropa għadha fraġli. Il-prospetti fuq medda qasira ta' żmien għandhom prekarji. Madankollu, ix-xejriet pożittivi huma viżibbli u r-riformi intensivi riċenti għandhom jagħtu l-frott fuq medda medja sa twila ta' żmien.

It-tweġiba tal-Ewropa għall-inċertezza miżjuda mill-kriżi għandha tkun it-twettiq rigoruż u l-implimentazzjoni rapida tal-istrateġija tal-Unjoni tal-Innovazzjoni stabbilita fl-2010. Diġà nkiseb progress tajjeb f'ħafna oqsma. Ir-riżultati ta' dan għandhom jibdwu jinħassu fl-ekonomija reali. L-Unjoni tal-Innovazzjoni se tgħin biex tinholq klima ta' fiduċja fl-Unjoni Ewropea għan-negozji u ċ-ċittadini. Se tagħmel dan permezz ta' investiment sostnut fir-riċerka u l-innovazzjoni, riformi qawwija ulterjuri lejn il-ħolqien ta' Żona Ewropea tar-Riċerka fil-veru sens tal-kelma, it-twaqqif ta' kundizzjonijiet ta' qafas aħjar għan-negozji innovattivi u t-tlaqqiġ aħjar tal-miżuri sekondarji tal-provvista u tad-domanda.

Madankollu, jeħtieġ li l-Ewropa tagħmel iżjed biex l-Unjoni tal-Innovazzjoni ssir realtà. Fid-dawl tal-kriżi attwali, tat-tnaqqis fil-fiduċja pubblika u tar-riskju ta' qasma fl-innovazzjoni, l-UE u l-Istati Membri tagħha jridu jħaffu l-isforzi konġunti tagħhom u japprofondixxu l-Unjoni tal-Innovazzjoni.

L-ewwel sfida hija sa liema punt l-Unjoni tal-Innovazzjoni se trawwem il-ħolqien ta' profili tassew "speċjalizzati" fl-innovazzjoni reġjonali li jilqgħu l-frammentazzjoni dejjem ikbar tal-ktajjen tal-valur u l-eteroġeneità dejjem ikbar tal-kontributi meħtieġa tal-għarfien. Żieda fl-attenzjoni għar-rwol tal-politika tal-innovazzjoni reġjonali hija l-unika għażla vijabbli biex tikkumpensa għal, u possibilment tegħleb, l-eżodu tal-imħuħ u t-talenti minn reġjuni żvantaġġati tal-Ewropa lejn iċ-ċentri Ewropej magħrufin għall-eċċellenza fir-riċerka⁵³.

Bħala għajnuna biex jiġi indirizzat it-tħaddim ta' sorsi ġodda ta' tkabbir, il-Kummissjoni, filwaqt li twettaq l-implimentazzjoni tal-miżuri miftiehma tal-Unjoni tal-Innovazzjoni, se tħejji l-passi li jmiss għat-tisħiħ tal-Unjoni tal-Innovazzjoni. Dawn huma bbażati fuq ix-xejriet emerġenti, il-parir tal-esperti u l-fehmiet tal-partijiet interessati. Se jiffokaw fuq:

⁵⁰ Il-GSO huwa kompost minn rappreżentanti mill-Brażil, il-Kanada, iċ-Ċina, il-Kummissjoni Ewropea, Franza, il-Ġermanja l-Indja, l-Italja, il-Ġappun, il-Messiku, ir-Russja, l-Afrika t'Isfel, ir-Renju Unit, u l-Istati Uniti. L-Awstralja kisbet l-istatus ta' pajjiż osservatur minn Novembru 2011.

⁵¹ Il-Grupp Carnegie huwa msawwar mill-ministri/konsulenti tax-Xjenza tal-G8 + il-Kummissjoni Ewropea + Outreach 5 (il-Kanada, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, il-Ġappun, ir-Russja, ir-Renju Unit, l-Istati Uniti + il-Brażil, iċ-Ċina, l-Indja, il-Messiku, l-Afrika t'Isfel)

⁵² Rapport tar-Riċerkaturi, 2012.

⁵³ L-ewwel karta ta' Pożizzjoni tal-Bord taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u l-Innovazzjoni (ERIAB): "Test tal-istress" tal-Unjoni tal-Innovazzjoni; Novembru 2012

- - it-tħaffif tat-tibdil strutturali fi ħdan is-setturi eżistenti u billi tinfirex f'setturi emerġenti ġodda, u tappoġġja l-iżvilupp ta' intrapriżi innovattivi b'rata għolja ta' tkabbir permezz ta' politiki tal-UE u inizjattivi addizzjonali kkoordinati;
- - l-għeluq tal-qasma fl-innovazzjoni bejn ir-reġjuni Ewropej permezz tal-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti u s-sinerġiji bejn l-Orizzont 2020 u l-fondi strutturali;
- - il-ħidma fuq kundizzjonijiet ta' qafas favur l-innovazzjoni għal negozji innovattivi, inklużi r-raggruppamenti ta' innovazzjoni;
- - l-identifikazzjoni ta' modi konkreti tat-tisħiħ tal-innovazzjoni fis-settur pubbliku u permezz tiegħu;
- - l-iżvilupp ta' approċċ tal-politika koerenti għall-innovazzjoni miftuħa u t-trasferiment tal-għarfien;
- l-importanza li jittieħed f'kunsiderazzjoni l-valur tal-proprietà intellettuali, it-tħaffif tal-valorizzazzjoni tal-privattivi u l-iżgurar tal-protezzjoni soda u effettiva tal-kompetenza u informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali sabiex jiġi ffaċilitat it-trasferiment tal-għarfien;
- - it-tmexxija tal-innovazzjoni fil-livell tal-konsum bħala azzjoni ewlenija tal-Pjan ta' Azzjoni Ewropew fil-Livell tal-Konsum, biex jgħin ħalli titwitta t-triq mill-idea għas-suq għal prodotti u servizzi innovattivi billi jiġi sfruttat il-potenzjal tas-settur tal-bejgħ bl-imnut, bil-piż ekonomiku tiegħu (4,3 % tal-PDG tal-UE u 8,3 % tal-impjiegi tal-UE) u kuntatt dirett mal-konsumaturi;
- - it-tagħqid flimkien ta' teknoloġiji u servizzi ġodda mal-innovazzjoni f'mudelli tan-negozju.

Sabiex iġġib bidla reali, l-Ewropa għandha ssaħħaħ l-impenn tagħha li ġġib tkabbir ibbażat fuq l-innovazzjoni. L-oġettivi tal-Unjoni tal-Innovazzjoni għandhom imexxu l-aġenda futura għall-integrazzjoni Ewropea. L-ebda pajjiż waħdu ma jista' jipprovdi ekonomija innovattiva tal-UE. Wasal iż-żmien li l-istituzzjonijiet Ewropej, l-Istati Membri, ir-reġjuni u l-partijiet interessati kollha jmaddu idejhom.

ANNESS

Anness: progress fl-2012 fuq 34 impenn stabbiliti fl-inizjattiva ewlenija tal-Unjoni tal-Innovazzjoni COM (2010) 546 finali

Bl-aħdar = l-impenni li jinsabu tajjeb fi triqthom u li għalihom hemm inizjattivi għaddejjin u mexjin sew 'il quddiem;

Bl-oranġjo = l-impenni b'miżuri tard/parzjalment implimentati;

Bl-aħmar = l-impenni li għalihom ma tieħdu l-ebda inizjattivi.

Aktar informazzjoni dwar kull impenn tinsab fuq: <http://i3s.ec.europa.eu/home.html>

	Impenn tal-Unjoni tal-Innovazzjoni	Skadenza	Progress
1	It-twettiq ta' strateġiji nazzjonali biex jitħarrġu biżżejjed riċerkaturi	2011	
2	It-test tal-fattibbiltà tal-klassifika tal-universitajiet indipendenti	2011	
	Il-ħolqien tal-akkademja kummerċjali "Alleanzi tal-Għarfien"		
3	Il-proposta ta' qafas integrat għall-ħiliet elettroniċi	2011	
4	Il-proposta ta' qafas taż-ŻER u l-miżuri ta' appoġġ	2012	
5	Il-bini tal-Infrastrutturi prijoritarji Ewropej tar-Riċerka	2015 – 60%	
6	Is-simplifikazzjoni u l-iffokar tal-programmi futuri tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE fuq l-Unjoni tal-Innovazzjoni	2011	
7	L-iżgurar ta' involviment akbar tal-SMEs fil-programmi futuri ta' R&I tal-UE		
8	It-tisħiħ tal-bażi xjentifika għat-tfassil tal-politiki permezz tal-JRC; Twaqqif ta' Forum dwar l-Attivitajiet Li Jħarsu 'l Quddiem		
9	It-tfassil tal-aġenda strateġika tal-EIT	Nofs l-2011	
10	It-twaqqif ta' strumenti finanzjarji fil-livell tal-UE biex jattiraw finanzjament privat	2014	
11	L-iżgurar tal-operazzjoni transkonfinali tal-fondi kapitali ta' riskju; it-tassazz	2012	
12	It-tisħiħ tat-tlaqqiġ transkonfinali ta' ditti innovattivi ma' investituri		
13	Ir-reviżjoni tal-Qafas ta' Għajnuna mill-Istat għar-R&Ż&I	2011	
14	It-tlestija tal-Privattiva tal-UE	2014	
15	Il-kontroll tal-qafas regolatorju fl-oqsma ewlenin	Bidu fl-2011	
16	It-tħaffif u l-modernizzazzjoni tal-istandardizzazzjoni	Kmieni fl-2011	
17	It-tħejjija minn qabel għal baġits maħsuba għall-akkwist nazzjonali għall-innovazzjoni	Bidu fl-2011	

	It-twaqqif ta' mekkaniżmu ta' appoġġ fil-livell tal-UE u t-tħaffif tal-akkwist k		
18	Il-preżentazzjoni ta' pjan ta' azzjoni għall-ekoinnovazzjoni	Kmieni fl-2011	
19	It-twaqqif ta' Bord Ewropew tat-Tmexxija fit-Tfassil	2011	
	It-twaqqif ta' Alleanza tal-Industriji Kreattivi Ewropej		
20	Il-promozzjoni ta' aċċess miftuħ; l-appoġġ lis-servizzi ta' riċerka intelliġenti ta' informazzjoni		
21	It-tħaffif tar-riċerka kollaborattiva u t-trasferiment tal-għarfien		
22	L-iżvilupp ta' suq Ewropew tal-għarfien għall-privattivi u l-liċenzji	2011	
23	Is-salvagwardja kontra l-użu ta' IPRs għal skopijiet antikompetittivi		
24/ 25	It-titjib tal-użu tal-Fondi Strutturali għar-riċerka u l-innovazzjoni	Bidu fl-2010 Pjattaforma sal-2012	
26	It-tnedija ta' pilota tal-Innovazzjoni Soċjali; il-promozzjoni tal-innovazzjoni soċjali fil-Fond Soċjali Ewropew		
27	L-appoġġ tal-programm ta' riċerka fuq is-settur pubbliku u l-innovazzjoni soċjali	Bidu fl-2011	
	L-ippilotar ta' Tabella tal-Valutazzjoni dwar l-Innovazzjoni fis-Settur Ewropew		
28	Il-konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali dwar l-interazzjoni bejn l-ekonomija u s-suq tax-xogħol		
29	L-ippilotar u l-preżentazzjoni ta' proposti għal Sħubijiet Ewropej għall-Innovazzjoni	2011	
30	It-twaqqif ta' politiki integrati li jattiraw it-talent globali	2012	
31	Il-proposta ta' prioritatiet u approċċi komuni tal-UE/SM għall-kooperazzjoni xjentifika ma' pajjiżi terzi	2012	
32	Il-ħruġ ta' infrastrutturi globali tar-riċerka	2012	
33	L-awtovalutazzjoni tas-sistemi nazzjonali tar-riċerka u l-innovazzjoni u l-identifikazzjoni tal-isfidi u r-riformi;		
34	L-iżvilupp ta' indikatur ewleni għall-innovazzjoni		
	L-issorveljar tal-progress permezz tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni		